Ġunju 2008 • Vol 15 • Nru.2

# IL-PULIZIJA

Xogħolna u ħajjitna fil-Korp




## Fil-Paġni ta' ġewwa

- Crime Museum
- L-Iskwadra Mobbli tal-pulizija
- Is-Sbatax-il Wirja tal-Ġimgħa Mqaddsa - 2008

*u aktar...*

***Newspaper Post***


Building
Strong Relationships
BUZDOV
DEVELOPMENTS LTD.
CIVIL ENGINEERING CONTRACTORS
Buz Dov Developments Ltd.,
'Stella Maris', Pjazza Tal-Gublew Tad-Djamanti, Mqabba MQB 9033, Malta.
Tel: (+356) 7964 1793 Fax(+356) 2164 1793
Email: info@buzdov.com / sales@buzdov.com www.buzdov.com

Ġunju 2008 • Vol 15 • Nru.2

**IL-PULIZIJA**

Xogħolna u ħajjitna fil-Korp

**Membri tal-Board Editorjali:**

**President:** Insp Kenneth Haber
**Editriċi:** Wps 93 Carol Fabri
**Membri:** Ps 772 Dennis Agius
Wpc 255 Roberta Fenech
Pc 1155 Chris Mangion
Sur Alfred Debattista

**il-Pulizija** tirringrazzja lid-ditti u aġenti tar-reklamar li għoġobhom jagħtu l-għajnuna tagħhom. L-artikli li jidhru f'dan il-Magazine ma jirriflettux bil-fors l-opinjoni tal-Board. Kull korrispondenza għandha tkun ittajpjata u għanda tintbgħat fl-indirizz hawn taħt:

Editur "il-Pulizija" C.M.R.U. Police Headquarters
Floriana CMR 02

Disinn u riklamar

**ABILITY PUBLICATIONS LTD.**
Tel: 21 241317, 27 241345
Fax: 21 241317
e-mail: refer@maltanet.net

Stampar

**GUTENBERG PRESS - TARXIEN**




Ritratt:
*Il-Bitħa tal-Kwartieri Generali tal-Pulizija*

# Werrej

**Ġunju 2008** • VOLUME 15 • NRU. 2













5 Editorjal
7 Erġajna bdejna bil-ħidma
10 Apprezzamenti
13 Apprezzamenti
15 Crime Museum
21 Il-Kelma tal-Kappillan
23 It-Taser
27 Ir-Rekluti fl-Akkademja
29 Għoti ta' Ċertifikat ta' Mertu
31 L-Iskwadra Mobbli tal-pulizija
34 Ir-Reat tat-telefonati anonimi
35 Riċeviment għal nies bi bżonnijiet speċjali
37 EUPM - Field Office Police
41 Ħarġa għat-tfal Nru3. - Destinazzjoni Għawdex
43 Drinn Drinn - 16
45 L-Akkademja tal-Pulizija
47 L-Immunità Ekkleżjastika f'Malta
48 Is-Sbatax-il Wirja tal-Ġimgħa Mqaddsa - 2008
51 Paġna Sportiva
52 Kommemorazzjoni ta' l-għoti tal-George Cross
55 International Police Association
58 Għaqda Pulizija Pensjonanti
62 Il-Membri tal-Korp li Mietu


THE DISTANCE BETWEEN GOOD & GREAT
KEEP WALKING
JOHNNIE WALKER
DRINK RESPONSIBLY

# Editorjal

Merħba

F'dan l-Editorjal nixtieq naqsam esperjenza li bħala CMRU għaddejna minnha, u nqerr magħkom ħasditni ftit. Ma jien ser insemmi l-ebda ismijiet jew il-każ innifsu, għax ma rrid nitfa' l-ebda dell ikrah fuq ħadd. Wara kollox, kulħadd l-istess uniformi liebes u forsi fis-sitwazzjoni ta' dawn il-Pulizija stajt kont jien.

Persuna ċempletilna biex tirrapporta li wara ammont ta' żmien tirrapporta f'Għassa partikolari tal-Pulizija, dawn ta' l-aħħar ma ħadu l-ebda tip ta' azzjoni. Mhux hekk biss, imma l-Pulizija qaltilha li f'dan il-każ partikolari hi ma tista' tagħmel xejn. Pero' l-aktar ħaġa li kiddet lil din il-persuna kienet li l-istess Pulizija qaltilha li ma tafx xi tgħid il-liġi fil-konfront ta' dan il-każ!

Li weġġgħet lil din il-persuna kien li kuntrarju għal dak li bħala Pulizija nippritkaw – li aħna qegħdin hemm sabiex nipproteġu ċ-ċittadin – dan ġie jitlob l-għajnuna tagħna u ma sabiex.

Din hija waħda mill-ftit ilmenti li nirċievu u ħsiebt li għandi naqsamha magħkom għax naħseb li l-kredibbilita' tal-membri tal-Korp tmur aktar minn hekk. Naħseb li fejn wieħed jeħel jew ma jkunx jaf, għandu jsaqsi u ma jistħix jagħmel dan – ikun fi x'ħin ikun.

Kif kulħadd jaf, ix-xahar id-dieħel niċċellebraw Jum il-Pulizija, fejn il-preparamenti għal din il-ġurnata ilhom li bdew bis-sħiħ. Peress li din is-sena t-12 ta' Lulju ġej is-Sibt, Jum il-Pulizija ser ikun iċċelebrat il-Ġimgħa 11 ta' Lulju fejn il-ġurnata tibda b'quddies konċelebrata fis-Sala Vilhena.

Is-Sibt 5 ta' Lulju, 2008 fi Pjazza Ħelsien ser ikun hemm il-*Pet Show* li ser ikun akkumpanjat mill-*Jazz Group*. Għalhekk inħeġġu lit-tfal tal-membri sabiex jipparteċipaw. Bejn il-5 u t-12 ta' Lulju, 2008 f'waħda mis-swali l-ġodda biswit il-bitħa ser ikun hemm il-*Hobbies Exhibition* li ser tkun miftuħa għal kulħadd.

Is-Sibt 12 ta' Lulju, 2008 ser ikun hawn Open Day id-Depot fejn intom flimkien mal-familjari u ħbieb tagħkom mistedin sabiex iżuru l-Kwartieri Ġenerali.


Citadellife

Trid tipproteġi s-self tiegħek?

Lm € FAIR
Fair-pricing Agreements in Retailing



**Ċemplilna fuq 2557 9000, u staqsi għar-rati vantaġġjużi fuq il-'Loan Protection Insurance' mingħand Citadel Insurance**

Citadel insurance

www.Citadeldirect.com

**Uffiċċju Prinċipali:** Casa Borgo • 26 Triq is-Suq, Floriana FRN 1082
**Fergħat:** Gżira • Ħaż-Żebbuġ • Naxxar • Raħal Ġdid

Citadel Insurance p.l.c. hija awtorizzata biex tmexxi kummerċ ta' l-assigurazzjoni ġenerali u fit-tul taħt l-Att ta' l-1998 dwar il-Kummerċ ta' l-Assigurazzjoni u hija regolata mill-MFSA.


GASAN
80 years
DRIVING INSPIRATION
Clever Fiesta with night vision
Fiesta
Stupid Dogbot without
With bold exteriors and more colour choices than ever before, the new Fiesta range injects passion into every journey.
Add impressive in-car technology, a range of advanced engines and Ford's advanced safety system for a passionate and exciting drive.
NewFordFiesta
Feel the difference
Ford
price € 13,254.13 Lm5,690
Monthly payment - € 156.72 Lm 67.28
Downpayment - € 3,261.12 Lm1,400
BIG SAVINGS!
7% Interest for up to 7 years on Hire Purchase Payments
7/7
PART EXCHANGE? NO PROBLEM!
GASAN
GROUP OF COMPANIES
Gasan Automotive Centre, Mriehel Bypass, Mriehel BKR 3000
Tel: 27788200. Fax: 27442007.
Gozo Garage, Victoria. Tel; 21551866.
e-mail: automotive@gasan.com web site: www.ford.com.mt
3 4U
TREE FOR YOU

# Erġajna bdejna bil-ħidma

Martin Pace - Segretarju Ġenerali

Nibda sabiex ngħid li wara xi ftit ta' assenza mil-kontribuzzjoni ta' l-Assoċjazzjoni fil-Magazine, issa erġajna qbadna r-rittmu. Kif tafu aħna nofru is-servizz tagħna b'mod volontarju bħala rappreżentanti umli tagħkom. Fl-aħħar editorjal tal-ħarġa ta' dan il-Magazine (Marzu 2008) kien hemm paragrafu fejn il-bord editorjali dehrlu li kellu jagħmel referenza rigward in-nuqqas tal-preparament tal-artiklu li l-Assoċjazzjoni kellha tgħaddi lill-editur.

Dan il-kumment hu ġust, pero' wara li rajt u smajt x'kienet is-sitwazzjoni, wara nuqqas minn naħa tiegħi mill-Kumitat Eżekuttiv u wara konsultazzjoni mal-membri, eżaminajna x'kienu ċ-ċirkostanzi li wassal għal hekk. Fhimt, għaliex kien hemm nuqqas min- naħa ta' xi membri tal-Assoċjazzjoni li kellhom id-dover li jaqbdu karta u lapes u jiktbu xi ħaġa.

Li ġara kien, li ssejħet l-elezzjoni għal ħatra tal-Konferenza Ġenerali 2008 - 2010 fix-xhar ta' Frar 2008. Ġara, li l-Prim Ministru ħabbar l-elezzjoni ġenerali għal Marzu 2008. Konsegwenza ta' hekk l-elezzjoni tal-MPA ġiet posposta għax-xahar ta' April 2008.

Fil-fatt l-elezzjoni saret nhar il-11 t'April 2008, fejn ġew eletti bħala Chairman is-Supretendent Antonello Grech, Segretarju Ġenerali PC 24 M. Pace, Teżorier 1st SM C. Zammit, membri Spettur Tony Cachia, PS 772 D. Agius u PC452 R. Mercieca fil-Kumitat Eżekuttiv. Għall-ewwel darba, il-Kumitat Eżekuttiv dehrlu, li dawk il-membri li tefgħu in-nomina tagħhom għaliex kellhom interess f'xi ħatra fl-Assoċjazjoni, jiġu maħtura ukoll fil-kumitat Eżekuttiv skond artiklu 10.4 tal-Istatut tal-Assoċjazzjoni. Il-membri maħtura huma, l-Ispettur Malcolm Bondin, PS 633 F. Sammut, PS 743 G. Attard McCarthy, u PC 478 N. Mercieca. Matul il-Konferenza Ġenerali ta' MPA ġew co-opted dawn il-membri bħala delegati AC L. Cauchi, AC A. Seychell, Supt. N. Aquilina, Spt S. Camilleri, Spt A. M. Micallef, 2nd S.M. M. Rotin, WPS 54 K. Borg, PS 81 J Zerafa, WPS 110 M. Scicluna, PS 128 J. Farrugia, PS 1480 S. Mallia, WPC 36 M. Ciantar, WPC 60 G. Bianco, PC 714 V. Bonavia, PC 1273 K Mifsud u PC 1335 D. Schembri.

Meta tqis li n-numru ta' membri fil-Korp tal-Pulizija kiber mhux ħażin f'dawn l-aħħar żmien, u dan grazzi għal Gvern, l-Amministrazzjoni tal-Korp u anke ta' l-Assoċjazzjoni, aħna bħala membri tal-Kumitat Eżekuttiv inħossu, li hemm nuqqas ta' konkorenza meta issir sejħa għall-membri tal-Korp sabiex jieħdu sehem fit-tmexxija ta' l-Assoċjazzjoni, madanakollu, xorta ħadna gost li tfaċċaw membri ġodda ħalli flimkien ngħatu sehem siewi u professjonali. Dan jawgura tajjeb li għal meta jispiċċaw xi membri xorta tibqa` ħajja l-Assoċjazzjoni tal-Pulizija.

Nixtieq nieħu dan l-ispunt sabiex nirringrazzja lil dawk ta' qabilna li taw kontribut fil-ħidma tagħhom fil-limiti u l-kapaċita` tagħhom.

Semmejt dan kollu sabiex nagħlaq fuq il-kumment li sar fl-editorjal ta' Marzu 2008. Jista jagħti l-każ li ħadd ma jrid jigref jew jesprimi l-opinjoni ta' l-Assoċjazzojni f'dak iż-żmien hekk importanti qabel l-elezzjoni ġenerali, għaliex dejjem issib lil xi ħadd li jgħid li qed tikkritika partiġjanament lil xi ħadd. Naħseb aktar paroli fuq dan kollu żejjed.

Issa li għaddiet l-elezzjoni ġenerali tajjeb li wieħed jgħid fejn waslet l-Assoċjazzjoni fin-negozzjar li għamlet mal-Police Negotiating Board. L-aħħar laqgħa ta' dan il-board saret nhar id-29 ta' Novembru 2007, fejn l-Assoċjazzjoni wara li minn dak kollu li kien baqa` pendenti ma ġewx milqugħa min-naħa uffiċjali, nhar l-20 ta' Jannar 2008, iċ-Chairman tal-Police Negotiating Board kiteb lill-Prim Ministru fejn infurmah li peress li ma kienx intlaħaq ftehim, l-Assoċjazzjoni ser tirreġistra arbitraġġ skond kif hemm stipulat fl-Att tal-Pulziija Art 21(1) u 23(1).

### It-talbiet li ma ġewx milqgħuha huma dawn:

1. Dritt ta' part time job.
2. Il-Ħlas ta' 15% fuq l-extra duty.
3. 40 siegħa xogħol fil-ġimgħa.
4. Dwar il-Pensjoni.
5. L-Assoċjazzjoni tiġi rikonoxxuta bħala Trade Union.
6. Assikurazzjoni fuq il-Ħajja u s-saħħa tal-pulizija.
7. Allowances.

Sa hawnhekk nistgħu ngħidu, meta qiegħed nikteb dan l-artiklu fil-bidu ta' Mejju 2008, L-Assoċjazzjoni xtaqet li timxi aktar imma ċ-ċirkostanzi huma dawk li huma.

### Website

Forsi mhux kulħadd jaf li l-Assoċjazzjoni għandha il-'Website' tagħha. L-indirizz elettroniku huwa www.mpa.org.mt. PC 478 Neville Mercieca ġie maħtur bħala il-webmaster. Qed tingħata dehra ġdida biex tkun iktar interessanti għal kull min jidħol fiha u qed tiġi updated iktar spiss biex kull min ikun interessat f'xi suġġett, isib dak li jkun qed ifittex. Permezz ta' din il website, jista` jsir kuntatt dirett mal-Assoċjazjoni mill-kumdita' tad-djar tagħkom. Għalkemm aħna dejjem nilqgħu lil kull min jiġi l-uffiċċju tagħna. Ser isiru ukoll kuntatti mal-MITTS sabiex din il-website tkun tista tiġi inkluża ma' dawk li bħalissa jistgħu jintużaw mill-għasses tagħna. Dan kollu qed isir sabiex il-membri tagħna jkunu dejjem infurmati.

L-Assoċjazzjoni trid tuża' kull mezz disponibbli sabiex tinforma lil membri tagħha dwar kwalunkwe suġġett li jista' jkun ta' interess għall-membri. Kull suġġeriment rigward titjib ulterjuri u suġġerimenti oħra ikunu milqugħa.

### Uffiċċju ta' l-MPA fil-Menqa

Qed nagħmlu sforz biex kemm jista jkun l-uffiċċju tagħna jkun miftuħ aktar spiss. Nhar ta' Tlieta u Hamis jkun miftuħ minn xi membru ta' l-Kumitat Eżekuttiv bejn id-09.00am u l-5.00 pm. In-numru tal-fax/telefon huwa 21232892.

### Talbiet tal-membri

L-Assoċjazzjoni għamlet talba sabiex issir laqgħa kemm mal-Ministru tal-Ġustizzja u Intern Dr. Carmelo Mifsud Bonniċi LLD u hawn pubblikament nifirħulu għall-kariga minsiterjali, kif ukoll mal-Kummissarju tal-Pulizija s-Sur John Rizzo. Nittama li dawn il-laqgħat isiru aktar spiss għall-benefiċċju ta' kullħadd.

Il-membri tagħna ħafna drabi jsaqsu, imma xi tkunu qed tagħmlu bħala ir-rappreżentanti tagħna sabiex ċerti affarijiet li jkunu qed iddejquna jew mhux favorevoli għalija jitjibuħ

Tajjeb li wieħed jgħid bejnu u bejn ruħu li sabiex ċerti affarijiet jimxu 'l quddiem, il-membri tagħna tal-kumitat eżekutiv ma jistgħux ikunu kullimkien u jafu kollox x'qiegħed iddejjaq lill-membri tagħna fil-ħidma u fil-kundizzjonijiet tagħna. Ċerti membri jersqu lejna sabiex intuhom l-assistenza meħtieġa. Il-membri tal-Kumitat jiddiskuti dawn l-affarijiet u mill-ewwel jieħdu azzjoni. Ser insemmu dawn il-problemi sabiex kulħadd jkun jaf dwarhom u f'edizzjonijiet oħra nagħtukom iktar tagħrif ta' fejn waslu l-ilmenti tagħkom ma' l-awtoritajiet.

Administrative Law Enforcement Unit
Fil-qosor dawn il-membri stazzjonati f'din it-taqsima ilmentaw fuq li m'għandomx fixed roster, għandhom ħinijiet irregulari ta' xogħol speċjalment fis-sajf, u ħafna drabi jiġu detailed as required.

Jidher li dawn l-ilmenti qed jaffetwaw il-ħajja tal-familja tagħhom, għax ma jistux jippjanaw sew u bil-quddiem, kif għandhom sezzjonijiet oħra, li jkunu jafu ferm mill-qabel kif ser jaħdmu.

**Time Directive**
Problema li tinkwitana hija li numru ta' membri qiegħdin jaħdmu ġimgħa xogħol ta' aktar minn 48 siegħa kif hemm stipulat fil 'European Time Directives', artiklu 6 Ha nikkwota,

*'Maximum weekly working time.*
*Member states shall take the measures necessary to ensure that, in keeping with the need to protect the safety and health of workers:*

*1. the period of weekly working time is limited by means of laws, regulations or administrative provisions or by collective agreements or agreements between the two sides.*

*2. the average working time for each seven-day period, including overtime, does not exceed 48 hours.'*

L-aħħar parti fejn jissemma l-overtime, din hija ix-xewqa ta' l-impjegat li jaħdem iktar siegħat u mhux ta' min iħaddem.

**Attivitajiet soċjali**
L-Assoċjazzjoni flimkien ma' l-Entertainment Committee tal-Korp qed jkunu aktar proattivi u jorganizzaw aktar attivitajiet għall-membri. Nixtiequ li jkun hemm aktar interess u konkorrenza f'dawn l-attivitajiet kemm jekk norganizzawhom għat-tfal kif wkoll sabiex niltaqgħu.

**Summary Disciplinary Procedures**
L-MPA tħoss li għandha tibqa' tiddefendi lil dawk il-pulizija membri tagħha li jiġu akkużati b'xi nuqqas kontra d-dixxiplina, u dan bissaħħa ta' l-Att tal-Pulizija Kap 164 Art 37(1)b. Nixtiequ li jinqata' t-tfesfis jew kritika lil xi membru tal-Korp jew MPA għax jiddefendu lil xi akkużat. Dan hu dmir u dover tagħna li nagħmluh.

**Suġġetti oħra**
Saret talba sabiex aktar computers u ergonomic furniture jiġu provduti fil-ħidma tagħna, speċjalment lill-aħħar group ta' Spetturi.

Tiġi kjarifikata s-sitwazzjoni ta' dawk il-membri li jaħdmu f'ċentri ta' detenzjoni dwar tqassim ta' mediċini.

Jiġi provdut mezz ta' tansport lill-membri Għawdxin li jdoqqu fil-Banda tal-Korp lejn Malta u lura Għawdex.

Wara talba li għamlet l-MPA lill-Kummissarju tal-Pulizija s-Sur John Rizzo, ġentilment laqa' t-talba tagħna sabiex meta it-temp jkun qiegħed jitbiddel minn staġun għal ieħor, nkunu nistgħu nilbsu l-uniform skond kif l-membri jħossu li jkun aktar komdu (sleeve order). F'isem kulħadd nirringrazjawh. Il-membri huma fid-dmir u dover li dejjem jimxu skond l-ordni u d-dixxiplina tal-Korp.

**Stqarrija ta' l-Assoċjazzjoni**
L-Assoċjazzjoni tal-Pulizija ta' Malta, ir-rappreżentanta leġittima u legali tal-ħaddiema kollha fil-Korp tal-Pulizija, tixtieq pubblikament turi l-preokkupazzjoni tagħha rigward l-aħbarijiet li qed jiċċirkulaw f'ċerti kwartieri ta' l-istampa u l-media lokali u bnadi oħra rigward il-każ sfortunat, li fih, persuna wara li kien qiegħed jingħata l-kura fl-Isptar Mater Dei, tilef ħajtu wara li allegatament kien involut f'waqa' fil-Kwartieri Ġenerali tal-Pulizija.

L-Assoċjazzjoni mhux ser tidħol fil-mertu ta' dan il-każ partikolari, imma tixtieq turi li għandha fiduċja fl-inkjesti li ġew ordnati u fl-investigazzjonijiet li qed isiru bl-aktar mod skjet, f'serenita' u b'mod li l-ġustizzja għandha issir.

L-Assoċjazzjoni tixtieq tagħmilha ċara, li temL-Assoċjazzjoni tixtieq tagħmilha ċara, li temmen fil-liberta' ta' l-espressjoni u fil-liberta` ta' l-istampa. Kulħadd għandu l-opinjoni tiegħu u f'dan il-qasam delikat u mportanti fit-tixrid ta' aħbarijiet, il-persuna/i nvoluti għandu/hom jkun/u responsabbli ta' dak li jgħid, ixandar jew jistampa sabiex ma jallarmax lill-pubbliku inġenerali u fl-istess ħin, ma jesponiex lill-ħaddiema, f'dan il-każ il-membri tagħna, li jaħdmu fil-qasam ta' l-infurzar tal-liġi, f'immaġini li jnaqqas il-fiduċja tal-maġġoranza tas-soċjeta' Maltija.

L-Assoċjazzjoni tixtieq tesprimmi, solidarjeta' ma' kull membru tal-Korp tal-Pulizija, mill-Kummissarju sa l-aħħar rekluta, f'dan il-mument hekk diffiċli. Kull membru fil-Korp tal-Pulizija, għandu jibqa' jiftakar u jżomm quddiem għajnejh il-ġurament ta' lealta' lejn il-Kostituzzjoni u l-liġijiet tal-pajjiż.

L-Assoċjazzjoni tixtieq tfakkar, lill-membri tagħha sabiex jaqdu d-doveri tagħhom u jżommu l-ordni pubblika kif impost fuqhom skond il-liġijiet ta' pajjiżna, u dan, jsir erbgħa u għoxrin siegħa kuljum matul is-sena kollha.

Sabiex jagħmlu dan, matul is-snin, diversi membri tagħha li huma wkoll ħaddiema, wkoll sofrew ġrieħi fuq il-persuna tagħhom, barra milli jsofru wkoll psikoloġikament u mentalment. Għalhekk, l-Assoċjazzjoni, f'isem il-membri tagħna, u l-familjari tagħhom ġentilment jitolbu lil kull min huwa involut sabiex ċerti stqarrijiet li għandhom x'jaqsmu ma' dan il-każ ta' nieket u ta' prova, jkunu kemm jista' jkun ġusti ma' kulħadd. Dan billi direttament jista' jkun ta' ħsara rreparabbli lill-membri tagħna u dawk tas-soċjeta` Maltija.

L-Assoċjazzjoni tal-Pulizija ta' Malta, f'dan il-każ tesprimi s-solidarjeta', ma kull min direttament jew indirettament huwa nvolut u bħala Assoċjazzjoni lesta li tiltaqa' ma' kull min jixtieq jitkellem magħha sabiex ilkoll flimkien insaħħu l-bon ordni fil-pajjiż u ntejbu kemm jista' jkun is-servizz tagħna lejn il-komunita'.

Kumitat Eżekuttiv

# **BOV** Personal Banking




**Savings & Investments** | **Personal Finance** | **24-Hour Banking**

Aħna nagħrfu l-importanza ta' servizz ġenwin, għaldaqstant aħna kontinwament naħdmu sabiex inti tinqeda aħjar kull darba li tagħmel użu mis-servizzi tagħna…

**Aħna nieħdu interess personali fil-ħtiġijiet Bankarji kollha tiegħek.**

www.bov.com 2131 2020

BOV 18424

*Maħruġ mill-Bank of Valletta p.l.c., 58 Triq Żakkarija, Valletta VLT 1130 - Malta*

BOV
Bank of Valletta
*Impenn lejn is-Suċċess tiegħek*

Bank of Valletta p.l.c. huwa liċenzjat sabiex jipprovdi servizzi ta' investiment mill-Awtorità Maltija għas-Servizzi Finanzjarji. Is-Self huwa suġġett għall-kriterji normali ta' self.

PURINA
PRO PLAN
Protects While it Nourishes

The nutrition that reinforces their natural defences.



PRO PLAN.® PROTECTS WHILE IT NOURISHES.

PRO PLAN.® is carefully formulated using high quality ingredients to help your dog live a long and healthy life. Developed by expert vets and nutritionists, the combination of natural food ingredients and extra vitamin & minerals, support your dog's healthy immune system, digestive and skin & coat system.

- Enhanced vitamin E and C levels to help fight free radicals and support a **strong immune system**
- High-quality fat, protein and carbohydrate to help support and **protect the digestive system.**
- High quality protein, omega 3 & 6 fatty acids, vitamins and minerals for a **strong, elastic skin and a thick coat.**

Available from leading pet shops.




PURINA
Your Pet, Our Passion.


MARKS & SPENCER
OPEN ALL DAY: PALACE SQUARE - VALLETTA | THE STRAND - SLIEMA | BAYSTREET - ST. JULIANS

# Valletta Fund Management



## Your key to a world of opportunities

At Valletta Fund Management we offer you a comprehensive range of investment funds that invest in the main asset classes, across different markets and in major currencies. Our investment funds have different risk profiles to meet the investment requirements of all types of investors.

Contact us today.

VALLETTA FUND MANAGEMENT

A Member of the BOV Group

Bank of Valletta

Freephone **8007 2344**, BOV Branches in Malta and Gozo & Licensed Financial Intermediaries

The value of the investment may fall as well as rise and currency fluctuations may also affect the value of the investment. Investments should be based on the full details of the relevant prospectus, which may be obtained from Valletta Fund Management Limited ("VFM"), Bank of Valletta Branches and other licensed financial intermediaries. VFM is licensed to provide Investment Services Business for Collective Investment Schemes in Malta by the MFSA. The investment funds are licensed by the MFSA. This advert has been issued by VFM, Level 6, The Mall Offices, The Mall, Floriana FRN 1470. Tel: 21227311, Fax: 21234565, email: infovfm@vfm.com.mt

Source: Valletta Fund Management Limited



Nhar it-18 ta' Marzu ta' din is-sena twettqet waħda mix-xewqat tal-Kummissarju tal-Pulizija meta infetaħ it-tant mistenni Crime Museum. Dan il-Crime Museum, li fil-fatt kien idea tal-Kummissarju stess, infetaħ mill-Ministru tal-Ġustizzja u l-Intern Dr. Carmelo Mifsud Bonniċi fil-preżenza tal-Ministru Dr Tonio Borg, il-Kummissarju John Rizzo, kif ukoll diversi uffiċjali għolja tal-Korp.

# Crime Museum

Fil-fatt il-Crime Museum kien ilu għal xi żmien f'moħħ il-Kummissarju iżda kien propju fil-ħames ġimgħat ta' qabel infetaħ li ngħata bidu għax-xogħol fiżiku.



Dan il-mużew, għalkemm bi spazju limitat, ġie maqsum prinċiparjament fi tnejn. Fil-parti t'isfel nsibu tnax-il vetrina b'rappreżentazzjonijiet mill-aktar reali ta' omiċidji li seħħew matul iż-żminijiet. L-omiċidji esebiti jmorru lura għas-snin ħamsin saż-żminijiet tal-llum fejn l-aktar omiċidju riċenti fil-fatt seħħ ftit snin ilu. Il-każijiet kollha esebiti huma omiċidji li baqgħu jissemmew matul is-snin. Fost l-affarijiet li hemm għal wiri hemm diversi armi tan-nar, skieken u oġġetti oħra li ntużaw realment fid-delitti. Apparti dawn insibu affarijiet oħra kemmxejn kurjużi bħal karozza sħiħa, u dan minħabba l-fatt li d-delitt sar permezz ta' bomba ġo karozza, magna tal-ħasil tal-ħwejjeġ li kellha konnessjoni ma' delitt ta' tifel kif ukoll twieqi ta' ajruplan! Fil-fatt dawn it-twieqi qegħdin f'vetrina li ġiet id-dedikata għal każ tal-hijack ta' l-ajruplan tal-linja EgyptAir li kien seħħ fl-1985. F'xi vetrini hemm ukoll skizzi oriġinali li kienu saru mill-Ispettur John C. Ellul, meta kien għadu Surġent, kif ukoll ritratti oriġinali li kienu ittieħdu fuq ix-xena tad-delitt. Ta' min wieħed jgħid li għal raġunijiet ta' etika fl-esebiti m'hemmx ritratti tal-vittmi jew tal-ħatja. Fil-parti t'isfel insibu ukoll replika ta' ċella tipika










ta' ħabs kif ukoll xi apparat li fil-passat kien jintuża mill-Laboratorju Forensiku.

Fil-parti ta' fuq, li hi speċi ta' gallarija, hemm diversi vetrini b'materjal u oġġetti tassew interessanti li kollha b'xi mod huma konnessi ma' reati kriminali. Fil-fatt insibu diversi tipi ta' armi tan-nar, li ntużaw realment f'xi reat jew li jkunu ġew elevati mill-pulizija f'xi investigazzjoni. Insibu ukoll dokumenti ffalsifikati bħal passaporti, viżi u flus. Insibu materjal splussiv, oġġetti relatati mal-bombi kif ukoll droga u materjal relatat mat-teħid u t-traffikar tagħha. Hemm vetrina ukoll b'marki taż-żraben u tas-swaba kif ukoll oġġetti u għodod li jintużaw f'reati bħal serq, sgass, etċ. Vetrina oħra fiha oġġetti iffalsifikati biex jiġu jidhru li huma ta' xi ditti partikolari. Dawn l-oġġetti kollha esebiti, matul iż-żmien ġew elevati, ikkonfiskati jew misjuba mill-pulizija matul diversi tfittxijiet u investigazzjonijiet. F'din il-parti nsibu ukoll replika tal-forka.

B'dan il-mod kif ġie mqassam il-mużew, sar użu tajjeb ta' l-ispazju eżistenti. Ix-xogħol kollu f'dan il-mużew li jinsab f'annex tal-Mużew tal-Pulizija, sar minn membri tal-Korp stess. Fil-fatt ix-xogħol ta' injam, struttura, etċ sar mis-Sezzjoni tas-Snajja tal-Pulizija taħt it-tmexxija tas-Surġent Jesmond Delia, li għalkemm kien għaddej diversi xogħol ieħor ta' manetunzjoni fil-Kwartieri Ġenerali u postijiet oħra, xorta lestew ix-xogħol fi żmien relattivament qasir.

Xogħol imprezzabbli f'dan il-Crime Museum sar mis-Supretendent Raymond G. Zammit u l-Ispettur John C. Ellul. Fil-fatt iż-żewġ uffiċjali qalulna li kien ta pjaċir għalihom li ġew avviċinati mill-Kummissarju biex jagħtu l-kontribut tagħhom. Is-Supretendent Zammit minn dejjem kien jinteressa ruħu fl-istorja tal-Korp u kif spjegalna hu stess kien involut ukoll fit-twaqqif tal-Mużew tal-Pulizija li issa ilu miftuħ għal dawn l-aħħar 14-il sena. Qalilna li kemm meta ġie mwaqqaf il-Mużew tal-Pulizija kif ukoll fil-Crime Museum kienu ħafna l-idejat li ġew ikkunsidrati dwar id-disinn u dwar l-esebiti.

L-Ispettur John C. Ellul li hu l-uffiċjal inkarigat mil-Laboratorju Forensika kif ukoll investigatur fuq ix-xena tad-delitti spjega kif l-ewwel saret ġabra ta' informazzjoni ta' każijiet passati li jkunu interessanti għal pubbliku. Għaldaqstant saret riċerka fl-arkivji tal-Korp u tal-Qrati, fejn instabu dokumenti u evidenza li kienu ntużaw bħala provi biex ġew solvuti dawn ir-reati





# THE NEW DEFENDER

## More torque, more gears, more pull




**Widespread upgrades have been bestowed to the New Defender now having better performance on road and off road, increased pulling power, enhanced occupant comfort and improved refinement.**

Under the skin, an all new powertrain reinforces Defender's position as the ultimate all-terrain workhorse, while numerous chassis changes help make the car easier and more rewarding to drive than ever. Inside the cabin occupants benefit from further changes, including an all-new facia, more effective heating and air-conditioning systems and new, safer and more comfortable seats.

In the words of Land Rover managing director Phil Popham, "Land Rover are immensely proud of Defender's reputation for off-road supremacy; the new changes build on this to provide more pulling power, better driveability and enhanced control." He adds, "The new programme doesn't stop there though. We've comprehensively revised the cabin, with new seating layouts that improve safety and enhance comfort. The new, ergonomically designed facia that not only looks great, is also thoroughly practical and more durable than before. New, highly effective heating and air-conditioning systems have proved more than a match for the harshest of climates, while a comprehensively re-engineered refinement package provides a step change in cabin sound quality and noise levels too. It's no surprise that in user trials the new vehicle has proved a great success."

Key enhancements to the New Defender include:

- Greater than ever breadth of all-terrain capability
- A new 2.4 litre common-rail diesel engine that boosts fuel efficiency and performance
- 360Nm torque for effortless towing and improved climbing and enhanced on-road performance and refinement
- Impressive reductions in exhaust emissions
- A new, six-speed gearbox
- Lower first gear for greater off road control
- Higher top gear for improved cruising refinement and real-world economy
- Enhancements to the renowned permanent four-wheel drive system
- New transmissions improve refinement
- Revised propshafts enhance refinement and durability
- New seats and an improved stadium seating arrangement provide greater comfort to all occupants
- Two or four-seat Defender 90
- Two or five seat Defender 110 and 130
- A seven seat Defender 110 model is also available
- 3-point seat belts on all seats
- Improved ergonomics from the practial, all-new facia
- All-new heating and air-conditioning systems that offer dramatic improvements in performance

New Defender's design and construction make it suitable for adaptation to many military support roles including command vehicles, ambulances and vehicles equipped for all climate operations. New Defender's flexibility also makes it and ideal vehicle for fleet and contract sales, supporting customer requests for special paint colours, additional options and special conversions.

**Land Rover's Iconic New Defender**
THE BEST DEFENDER YET

www.landrover.com.mt

60 YRS

LAND-ROVER
GO BEYOND

Drive responsibly off-road.




High levels of comfort and energy-efficiency characterize our Daikin comfort systems. All year round, our innovative and state-of-the-art systems provide maximum comfort while optimizing your energy bill. Easy control systems give you comfortable and healthy warmth when it's cold outside and refreshing coolness when it's hot. Our units equipped with air purification, humidification and ventilation offer you the ultimate comfort.

**CONTACT US OR VISIT WWW.DAIKIN.COM.MT**

DAIKIN

® medairco EST. 1969

**Sole Agent & Distributor of Daikin Air Conditioning Equipment for the Maltese Islands**

Medairco Ltd. 55, Racecourse Street, Marsa MRS 2919, Malta Tel: (+356) 21 220715, 21 232068, 21 232077, 21 233023 Fax: (+356) 21 221351





li hemm għal wiri. L-Ispettur Ellul qalilna li din kienet sfida ġdida għalih, għaliex minkejja li x-xogħol ta' investigatur hija professjoni u arti mħalltin flimkien, fit-twaqqif tal-mużew l-arti kienet l-aktar fattur importanti.

Fil-fatt it-tfassil tad-diversi xeni sar mis-Supretendent Zammit u l-Ispettur Ellul flimkien ma' membri oħra tal-Korp. L-Ispettur Ellul spjega kif f'dan il-proċess kien hemm skambju ta' idejat interessanti u hawn ħareġ it-talent u l-krejattività tad-diversi membri tal-Korp. Din fil-fatt hi waħda mill-aktar punti li ssorprendiet lil ħafna, kemm dawk fil-Korp kif ukoll dawk li mhumiex. Forsi meta bdiet tiġri l-kelma li ser jinfetaħ Crime Museum, forsi ħadd ma kien qed jantiċipa l-krejattività' li fil-fatt ħarġet f'dan il-mużew.

Kemm is-Sur Zammit kif ukoll is-Sur Ellul irrimarkaw li dan it-twaqqif ta' dan il-mużew kien ġlieda kontra l-ħin u kif qal is-Sur Ellul, kien hemm okkazzjoni fejn mil-lejl għan-nhar biddlu xena kompluta per-ess li kien hemm dubju li din setgħet tkun kontroversjali. Minkejja iż-żmien qasir, il-Crime Museum tlesta u ġie nawgurat kif kien mistenni.

Il-Kuraturi tal-Mużew tal-Pulizija u issa tal-Crime Museum ukoll, is-Surġent Maġġur Saviour Garcia u s-Surġent Marlene Falzon esprimew is-sodisfazzjon tagħhom għal ftuħ tal-mużew il-ġdid. Huma qalulna li kienu entużjasti ħafna bl-ammont ta' nies li żaru l-mużew eżatt wara l-ftuħ tiegħu u bil-kummenti posittivi li rċevew mingħand in-nies. Il-kummenti kien dwar il-materjal li ntuża, kif inbena, l-esebiti, il-vettrini u kif propju dan il-mużew tlesta fi ftit ġimgħat. Fil-fatt kien impressjonanti l-ammont ta' nies inkluż turisti li żaru dan il-mużew ġdid fl-ewwel ġimgħa li kien miftuħ. Dan il-mużew qajjem ħafna kurżita' u kien mill-ewwel suċċess mal-pubbliku. Iż-żewġ mużewijiet ikunu miftuħin mit-Tnejn sal-Ġimgħa bejn it-8.30pm u l-4.30pm u s-Sibt bejn id-9am u s-1pm.





Ta' min wieħed isemmi ukoll li f'dan il-Crime Museum nsibu ukoll żewġ computers għall-użu tal-pubbliku fejn fihom nsibu statistika tar-reati kollha rrapurtati fl-għases tal-Pulizija f'dawn l-aħħar għaxar snin.

Minn dawn il-paġni ngħidu proset lill Kummissarju tal-Pulizija għal idea u l-appoġġ tiegħu sabiex jitwaqqaf dan il-mużew, lis-Supretendent Raymond G. Zammit, lill-Ispettur John C. Ellul, lis-Surġent Maġġur Saviour Garcia, lis-Surġent Marlene Falzon, lis-Surġent Jesmond Delia u l-pulizija stazzjonati fis-Sezzjoni tas-Snajja, lil PC685 Daniel Scerri li ta l-kontribut tiegħu fejn tidħol l-arti, lil Assistent Kummissarju Alfred Abela u lil dawn it-taqsimiet għall-għajnuna u l-kontribut tagħhom: Laboratorju Forensiku, Dipartiment ta' l-Investigazzjoni Kriminali, Skwadra ta' Kontra d-Droga, Skwadra ta' Kontra r-Reati Ekonomiċi, Sezzjoni ta' l-Immigrazzjoni u s-Sezzjoni ta' l-I.T. Grazzi ukoll tmur lil Qrati ta' Malta, lil Heritage Malta, lil Faċilita' Korrettiva ta' Kordin u lil kull min b'xi mod ta daqqa t'id fit-twaqqif ta' dan il-mużew. Proset lil kulħadd.

Lil min diġa' żar dan il-mużew, nistidnuh jerġa' jżuru fil-futur qarib u dan minħabba l-fatt li l-każijiet esebiti ser jinbidlu minn żmien għal żmien! Lil min għadu ma żarux, x'qed tistennew̄ħ!

# SALE



## Summer Clothes 1/2 price

### & Great Summer Reductions on:

Curtain fabric - Ready made curtains - Haberdashery - Summer Bedspreads & Bed sheets - Pillows - Throw overs - Cushions - Bathroom Towels - Beach Towels - Carpets - Shades - Shoes - Fashion fabric - Bags - Luggage - and so much more!

## Open All Day

Monday - Friday : 8am - 7:30pm
Saturday 8am - 2:30pm

JB STORES

Iklin Road, Iklin & Gallarija Fgura
tel:23314301, info@jbstores.com

# Il-Kelma tal-Kappillan

Fr Raymond Bonnici OFM Cap.

## San Mikiel protettur tal-Pulizija

**Fil-ħajja tagħna hawn ħafna minna li jfittxu protezzjoni jew ħarsien f'dak li jiġrilna fil-ġrajjiet ta' kuljum ta' ħajjitna. Hemm min minna jsib din il-protezzjoni fil-kapaċitajiet tiegħu fiżiċi u mentali. Iżda hemm min ifittex ħarsien f'qawwa oħra 'l fuq minna skond dak li nemmnu. Għaldaqstant nixtieq naqsam ftit riflessjonijiet dwar San Mikiel li fir-reliġjon kristjana huwa meqjus bħala l-protettur ta' dawk li d-dmir tagħhom huwa l-ħarsien tal-liġi u kif ukoll tal-baħħara u tal-morda fost oħrajn. L-isem Mikiel (Michael) huwa ġej mill-ebrajk 'Micah' li jfisser 'min hu bħal Alla'.**



Fil-Bibbja nsibu ftit referenzi għall-Arkanġlu San Mikiel: darbtejn fit-Testment il-Qadim fil-Ktieb ta' Danjel fejn insibu hekk: iżda ara, Mikiel, wieħed mill-prinċipijiet ewlenin, ġie biex jagħtini l-għajnuna,... (10,13) u ...ma jkunx hemm min jagħtini daqqa ta' id kontrihom ħlief il-prinċep tagħkom Mikiel (10,21). Fit-Testment il-Ġdid ukoll nsibu żewġ referenzi oħra għal dan l-Arkanġlu fl-Ittra ta' San Ġuda li tgħid hekk: L-arkanġlu Mikiel, meta ħadtha max-xitan u beda jħaqqaqha miegħu fuq il-ġisem ta' Mose', ma waslax biex ikkundannah bi kliem ta' żeblih, imma qallu: Ħa jrażżnek il-Mulej (9). Ir-referenza l-oħra fit-Testment il-Ġdid hija fil-Ktieb ta' l-Apokalissi: Imbagħad qamet gwerra fis-sema: Mikiel u l-Anġli tiegħu jitqabdu mad-Dragun. U d-Dragun u l-Anġli tiegħu tqabdu, iżda ma kellhomx ħila jegħlbu, u ma kienx hemm iżjed post għalihom fis-sema (12: 7-8).

Dawn ir-referenzi juruna xi ħaġa partikolari li dan l-Arkanġlu San Mikiel jeħodha kontra s-setgħat tal-ħażen biex iħares it-tajjeb u għalhekk għandna għalfejn nirrikorru lejh fil-ħajja tagħna. Dan nistgħu nagħmluh biex jipproteġina fil-mumenti li nsibu ruħna fihom quddiem kuntrarji jew inġustizzji li niltaqgħu magħhom filwaqt li nitolbu lill-Mulej jagħtina l-kuraġġ biex nagħżlu dak li hu tajjeb dejjem u kullimkien u ma naqgħux għat-tentazzjonijiet ta' provokazzjoni li x-xitan, taħt diversi forom, jipprova jwaqqagħna fihom. Nixtieq nissuġġerixxi li tagħmlu tagħkom din it-talba lil Mulej biex bl-interċessjoni ta' San Mikiel iħariskom waqt il-qadi ta' dmirijietkom u tirritornaw qawwija u sħaħ għand l-għeżież tagħkom fi tmiem tal-ġurnata tax-xogħol.

**Talba tal-Pulizija**

*Alla li tista' kollox, is-setgħa kbira u bla tarf tiegħek iħaddnu l-ħolqien kollu. Ħu ħsieb il-Pulizija kollha u dawk kollha li dmirhom u li jaraw li l-liġi tkun imħarsa. Ħarishom mill-perikli tar-ruħ u l-ġisem huma u jaqdu dmirhom. Nitolbuk tgħinhom iżommu t-toroq u l-familji tagħna moħħhom mistrieħ bil-lejl u bi nhar. Inħalluhomlok fi ħsiebek il-ħin kollu għax dmirhom, kultant jaf ikun perikoluż.*

*Agħtihom is-saħħa, l-għajnuna u l-ħila neċessarja fil-ħidma li jkollhom jagħmlu ta' kuljum. Alla maħbub, ħares lil dawn l-irġiel u n-nisa qalbiena b'ħarsien missetgħa bla tarf tiegħek u għamel li wara li jkunu għamlu dmirijiethom, jerġgħu jingħaqdu qawwija u sħaħ, ma' l-għeżież tagħhom.*

*Dan nitolbuh bl-interċessjoni ta' l-Arkanġlu San Mikiel Protettur tal-Pulizija. Amen.*

# **SHOES** | DESIGNED TO MOVE YOU





Art. 68783 Size. 35 – 41
Art. 68784 Size. 39 – 46



Art. 68773 Size. 35 – 41
Art. 68774 Size. 39 – 46



Art. 68753 Size. 35 – 41
Art. 68754 Size. 39 – 46

ECCO Pro series has been developed to deliver high quality occupational and industrial comfort footwear without steel toe according to DIN EN ISO 20347. They are currently being delivered to the **Dansk Police Force, DSB Danish Railways, Post Danmark and Danish Rescue and Security.**

All styles in the ECCO Pro range are equipped with 100% GORE-TEX® membrane which is the most durable waterproof, windproof and breathable material on the market. The GORE-TEX® membrane consists of approximately 1.4 billion pores per square centimetre. No water or moisture can penetrate through the membrane from the outside. The membrane allows the water-vapour molecules to pass through easily. This protects the body from becoming either too cold or from overheating.

ECCO uses Hydromax™ leather which is approved by GORE-TEX® standards as having many advantages. It has the ability to expand when it gets wet, which means that the leather remains water-repellent for up to 10 hours! This technological leather is one of the finest water-repellent and windproof leathers. A special tanning process ensures high breathability on the inside and a water-repellent surface on the outside, optimizing the function of the GORE-TEX® membrane. The application of shoe care products is highly recommended after exposure to wet conditions in order to retain the unique water-repellent features of leather.

For trade enquiries on the ECCO Professional series, please contact Zammit La Rosa Footwear Ltd on 21378433 or info@ecco-shoes.com.mt

Our full Summer 2008 ECCO Collection may be viewed at **www.ecco-shoes.com.mt**

BY APPOINTMENT TO THE ROYAL DANISH COURT

ecco®




# It-Taser

Kif jaf kulħadd, bħalissa qed isir it-taħriġ fuq l-arma mhux letali magħrufa bħala *Taser* fl-akkademja tal-Pulizija.

Biex wieħed ikun aktar konxju ta' x'tagħmel u x'inhi din l-arma, tkellimna mas-Surġent Frans Schembri, l-Uffiċjal inkarigat mit-taħriġ meħtieġ mgħoti lil membri kollha fil-Korp. Huwa wkoll *Weapon handling and shooting instructor.*

**It-*Taser* huwa strument eletroniku li jaħdem bil-batterija u dak li ser jagħmel użu minnu l-Korp huwa TASER X26. Bosta forzi ta' l-Ordni madwar id-dinja jużaw it-Taser fix-xogħol tagħhom, fejn ir-riżultati mixtieqa ġew milħuqa għaliex tnaqqsu l-imwiet u l-ferimenti.**

Huwa mportanti li wieħed jifhem li għalkemm it-Taser jaħdem bil-batterija huwa xorta meqjusa bħala arma taħt il-liġi ta' l-Armi, għalhekk f'dan l-artiklu ser nindirrizawh bħala strument elettroniku.

X'inhi l-funzjoni tat-*Taser*? Il-funzjoni ta' dan l-instrument huwa li għal ftit sekondi tiparalizza l-persuna li t-Taser ikun intuża' fuqha permess ta' probes li jiġu sparati mill-istrument, u b'hekk jitnaqqas ir-risku li wieħed iweġġa' speċjalment jekk ikun hemm kuntatt fiżiku.

Il-vultaġġ użat huwa dak ta' 50,000, waqt li l-amperaġġ huwa ta' 0.01. Kif wieħed jista' jara ma hemm l-ebda periklu ta' mwiet fl-użu ta' dan l-instrument. Huwa permezz tal-*probes* li l-elettriku jiġi trasmess meta dawn jeħlu mal-persuna qishom labar.

Hawn min jaħseb li l-vultaġġ jibqa' għaddej sakemm wieħed jibqa' jagħfas il-grillu. Din hija idea żbaljata, għaliex il-kurentt jiġi trasmess BISS għal ħames (5) sekondi u jaqta' waħdu.

Jekk il-persuna terġa' tagħti s-salt biex tqum jew ma tobdiex l-ordnijiet tal-Pulizija, dan ta' l-aħħar jista' jerġa' jgħafas il-grillu u joħorġu ħames sekondi oħra ta' kurrent. Din l-arma taffetwa biss in-nervituri tal-persuna u għalhekk il-persuna tkun il-ħin kollu f'sensieha u tkun taf x'qed isir u jingħad.

It-*Taser*, apparti l-użu tiegħu fuq il-bniedem, jista' jintuża' ukoll fuq l-annimali, fejn insibu l-istess effett. Pero' jekk l-annimal ikun ta' statura kbira, bħal ngħidu aħna żwiemel jew barrin, insibu li jeżisti *Taser* differenti (MX li huwa ta' kulur aħmar) fejn dan jiġi indikat ukoll mill-kulur tiegħu (fejn it-*Taser* li ser inkunu qed nużaw aħna huwa ta' kulur isfar jew iswed)

Dan l-apparat jiffunzjona ukoll fl-ilma – għalkemm ix-xjenza tgħidlek li elettriku u ilma ma jmorrux flimkien. Wieħed jaf jiltaqa' ma sitwazzjoni fejn il-persuna li tkun qed toħloq xi tip ta' inkwiet tkun fl-ilma. It-*Taser* jista' jintuża' b'mod normali, bid-differenza li jrid ikun hemm nies lesti sabiex jaqbżu fl-ilma biex il-persuna ma tgħeriqx u l-konsegwenzi jkunu agħar.

**Min ser juża' jew jista' juża' t- Taser?**

It-*Taser* jista' jużah kull membru tal-Korp li jkun attenda l-kors ġewwa l-Akkademja. Għalhekk huwa mportanti li min ma attendiex għal kors jawvicina l-Maġġur tiegħu/tagħha sabiex isiru l-arranġamenti kollha meħtieġa. Għalkemm forsi jidher li l-użu ta' dan l-instrument huwa wieħed facli, ma għandniex inkunu prużuntużi. Li wieħed jaqra fuq materja li jkun qiegħed jitgħallem fuqha huwa mportanti ħalli jkun jista' jaqsam l-esperjenzi u dak li jkun iltaqa' miegħu ma ħaddieħor.






**Indoors or outdoors – a great night's sleep is in the bag.**

Whether you've got guests camping at your place or you're off camping – there's no need for anyone to lump it on the floor. Every AeroBed® in the range is as comfy as a 'real' bed and self-inflates in as little as 60 seconds. No wonder over 20 million people have already woken up to the advantages of an AeroBed®

aero bed

For further information and sales enquiries please contact:
**Alfred Gera & Sons Ltd.**
Triq il-Masgar, Qormi QRM 3217
**Tel no: 21446205 Fax: 21445111 Email: main@alfredgera.com**




**NEW** AeroBed® Active with a powerful pump that can be recharged at home or run from a car.






Bħal kull ħaġa oħra li wieħed ikun qiegħed jitħarreġ fiha, speċjalment jekk din tkun xi ħaġa ġdida, ser tiltaqa' ma' ħafna ideat u teoriji. Għalhekk huwa sabiħ li tisma' lil kulħadd imbagħad taqsam dak li tkun tgħallimt inti.

Is-Surġent Frans sostna li waqt it-taħriġ kien hemm entużjażmu kbir, u dan ħareġ waqt il-ħin tad-domandi. Għalkemm it-*Taser* huwa xi ħaġa ġdida, xorta saru domandi bis-sens. Mhux faċli li wieħed jagħmel tmien siegħat kuljum jirrepeti l-istess ħaġa għal xahrejn sħaħ, imma dan kollu jintesa' meta jiżnu ma' l-interess u l-entużjażmu maħluq fil-klassi mill-kolleggi. Dan ifisser li x-xogħol u l-preparamenti li jkunu saru qabel ikunu swew ta' ġid.

Sessjonijiet bħal dawn joħorġu l-maturita' tal-bniedem, għalkemm kien hemm mumenti fejn iċċajtajna u ħadd ma ħa għalih.

**Xi pjanijiet hemm għal futur?**

Huwa mportanti li meta kull membru jkun ingħata t-taħriġ meħtieġ, l-istħarriġ ma jiqafx ukoll. Kulħadd jaf li l-affarijiet jinbidlu mill-lejl għan-nhar u għalhekk iridu nkunu lesti u kompatibbli ma kull tibdil li jsir. Wieħed ma jridx jinsa' li qed nitkellmu fuq arma, li għalkemm mhux letali xorta wieħed irid iżomm ruħu aġġornat.

It-tgħamir huwa mportanti u għalhekk huwa iżjed importanti li wieħed jgħaraf jużah sew u bil-għaqal. Hemm il-ħsieb li nkomplu navvanzaw, u llum il-ġurnata l-Korp għamel passi ta' ġgant, forsi bil-mod, imma kif jgħid il-Malti *l-qattusa għaġġelija friegħ għomja tagħmel.*

Is-Surġent Frans xtaq jirringrazzja lill-Kummissarju tal-Pulizija s-Sur John Rizzo, il-Kmandant ta' l-Akkademja s-Sur Ronald Kelly, lis-Supretendent Martin Bayliss u l-Ispettur Kenneth Haber talli emmnu fil-kapaċitajiet tiegħu, iżda l-iktar u mhux l-inqas lilkom ta' l-attenzjoni u l-interess li urejtu waqt il-lezzjonijiet.

Huwa l-ħsieb tal-Kummissarju li dan it-taħriġ fl-użu ta' din l-arma ikompli jitjieb. Għalhekk l-amministrazzjoni tal-Korp għamlet l-arranġamenti biex ix-xahar id-dieħel jinġieb espert fit-taħrig tat-Taser sabiex jagħti taħriġ professjonali lil numru limitat ta' Pulizija fl-użu tagħha. Aktar tard dawn il-Pulizija bit-taħrig li jkunu ħadu f'dan il-kors, jkunu kapaci jgħallmu lill-membri l-oħra tal-Korp f'dan il-qasam.

GUTENBERG
PREPRESS • PRINTING • POSTPRESS

Its all about Sales Drive,
Continuous Investment and having
Faith in our Staff.




Gutenberg Press Ltd · Gudja Road, Tarxien GXQ 2902 · Malta
**T** +356 2189 7037 **F** +356 2180 0069
**E** info@gutenberg.com.mt **W** www.gutenberg.com.mt


Introducing
nothing new.
Heineken
ORIGINAL RECIPE
HEINEKEN LAGER BEER
TRADE MARK
Heineken
PREMIUM QUALITY
Here you go. Another perfect replica of the brew we made in 1873.
ENJOY RESPONSIBLY
Information?
Heineken.com
It could only be
Heineken

# Ir-Rekluti fl-Akkademja

It-tieni parti
Dr. Rose Anne Cauchi Cuschieri

Fl-aħħar artikli tiegħi tkellimt fuq dak li jiġbed żgħażagħ lejn il-Korp tal-Pulizija ta' Malta u wara jiena kont ippreżentajt aspetti pożittivi li grupp ta' rekluti sabu ġewwa l-Akkademja tal-Pulizija. Din l-informazzjoni jiena qiegħda neħodha minn stħarriġ li kont għamilt ma' grupp imdaqqas ta' rekluti waqt li dawn kienu qegħdin jagħmlu t-taħriġ tagħhom ġewwa l-Akkademja.




Din id-darba baqali nitkellem fuq xi aspetti negattivi li dan l-istess grupp ta' rekluti sabu ġewwa l-Akkademja. Din ser tkun in-naħa l-oħra tal-munita li naħseb hija daqstant importanti daqs l-aspetti pożittivi.

L-aktar fatturi li ħarġu b'mod verament qawwi kienu s-sigħat twal li r-rekluti jagħmlu ġewwa l-akkademja. Huma sigħat twal ta' lectures, taħriġ u affarijiet oħra li l-amministrazzjoni jidhrilha li jkunu meħtieġa li jsiru. Ħafna mir-rekluti stqarrew li wara ġurnata twila ġewwa l-akkademja tkun verament diffiċli li tmur id-dar u taqbad tistudja. U speċjalment meta jibdew l-eżamijiet il-livell ta' stress jibda jogħla b'rata mgħaġġla għax wara ġurnata twila l-akkademja ikun baqa' ftit ħin wisq biex isir studju, barra l-fatt li fiżikament ir-rekluti jkunu għajjenin.

Iż-żmien ġewwa l-akkademja ivarja skond iċ-ċirkostanzi u l-esiġenzi tal-Korp. Kemm ili ngħallem ġewwa l-akkademja, matul dawn l-aħħar tmien snin u nofs niftakar korsijiet li damu sitt xhur u niftakar oħrajn li damu numru ta' ġimgħat biss. M'għandnix xi ngħidu aktar ma' l-kors ikun twil aktar wieħed ikun jista' jidħol fid-dettal tal-materja, aktar ikunu jistgħu jiġu mgħallma suġġetti, u aktar l-affarijiet ikunu jistgħu jsiru b'mod relaxed u organnizzat. Biss dan mhux dejjem ikun possibli għax iċ-ċirkostanzi mhux dejjem jippermettu. Minn naħa kollha nafu li l-Pulizija normalment jaħdmu ħinijiet twal u għal din ir-raġuni il-fatt li xi drabi r-rekluti iqattgħu sigħat xi ftit twal l-akkademja, dan ikun qed jippreparahom għal dak li jkun ġej meta jibdew jaħdmu fix-xogħol propju tagħhom. Forsi ta' min jipprova isib bilanċ biex waqt li r-rekluti ikunu qed jiġu ppreparti għax-xogħol li jkun ġej, ikollhom biżżejjed ħin biex jistudjaw għal xi eżamijiet li jista' jkollhom, waqt li jifdlilhom ħin ta' mistrieħ.

Fattur ieħor li ċertu rekluti semmew kien li xi drabi ma jkunux jafu x'suġġetti għandhom jew x'hemm lest għalihom għall-ġurnata. Forsi jista' jsir ċertu ppjanar minn qabel kemm rigward suġġetti kif ukoll rigward nies li jkunu ser jgħallmu s-suġġetti. Barra minn hekk issemma wkoll in-numru sostanzjali ta' suġġetti li jiġu mgħallma ġewwa l-Akkademja. Biss f'dan ir-rigward jiena nħoss li m'għadux iż-żmien li l-Pulizija jistudja /tistudja suġġetti polizjeski biss. Barra minn dawn it-tip ta' suġġetti hemm materji oħra li jgħinu l-Pulizija fix-xogħol ta' kuljum u b'sodisfazzjon kbir ikolli ngħid li matul is-snin ta' kemm ili ngħallem l-akkademja tagħna, kien hemm żvilupp qawwi f'dan ir-rigward u nittama li l-affarijiet ma jiqfux hawn. Kif jiġri f'kull organizzazzjoni li teduka u tgħallem, il-mument li wieħed jgħid li kollox huwa perfett u li m'hemm bżonn jinbidel xejn aktar, dak ikun *the moment of doom,* kif jgħidu l-Ingliżi. Organizazzjoni ħajja tibqa' aġġornata u tibqa' tinbidel skond iż-żminijiet.

Xi rekluti oħra semmew is-salarju li jiġi mgħoti waqt il-kors ġewwa l-akkademja li milli jidher jammonta għal paga minima nazzjonali. Fil-verita' ma nafx kemm u ma naħsibx li l-Korp għandu kontroll fuq dan il-fattur għax naħseb li dawn huma affarijiet tekniċi li jiġu stabbiliti minn sorsi oħra.

Skond xi rekluti ċertu suġġetti kellhom *coverage kbir* ta' lectures (kultant anke żżejjed) waqt li suġġetti oħra, li r-rekluti ħassew li kienu daqstant importanti, bil-kemm kellhom lectures biżżejjed biex jiġi żviluppat is-suġġett, aħseb u ara biex tidħol f'ċertu dettal.

# When was the last time you had some fun saving money?



**Park Towers**
**THE PRICE CHOPPER**
**SUPERMARKETS**

**The best prices and the widest choice with ongoing offers for a fun-shopping experience.**

**Spend € 100 - Lm 42.93 + get 4 (1.5Ltr) of local soft drinks plus 1 free case of local mineral water and points**



The Mall, Park Towers, St.Julians - Tel: 2137 8520 - Fax: 2138 8241
Psaila Street, St Venera - Tel: 2148 0807 - Fax: 2148 5559

**PART OF THE GS GROUP OF COMPANIES**

Naħseb li ta' min wara kull kors isir xi tip ta' *post mortem* biex jiġu studjati affarijiet bħal dawn.

Xi rekluti semmew li waqt il-kors kien hemm ħafna teorija, biss jinħass ħafna l-bżonn ta' aktar *hands on experience*. Jiena nemmen ħafna li t-teorija u l-prattika jimxu id f'id. Nemmen li t-teorija hija mportanti ħafna għax hija s-sinsla tax-xogħol tal-Pulizija. Huwa xogħol li ma jippermettix li jsiru ċertu żbalji. Għalhekk ir-rekluti jridu jkunu midħla sew tat-teorija. Biss il-prattika hija mportanti ħafna wkoll għax fiha r-rekluti jkunu jistgħu jaraw kif japplikaw dak kollu li jkunu tgħallmu. Ċertu akkademji tal-Pulizija Ngliżi jimxu bis-sistema ta' mentor fejn rekluti ġodda jkollhom mentor li jkun / tkun tista' ssegwihom waqt training prattiku li jsir biex ir-rekluti jibdew jakkwistaw l-esperjenza tax-xogħol tagħhom.

Xi ħaġa oħra li nemmen li għandha tiġi mogħtija ċertu mportanza hija l-fatt li aktar ma jkun kbir in-numru ta' rekluti, aktar ser ikun hemm diverġenza kemm f'livelli akkademiċi kif ukoll f'kultura u personalita' ta' l-individwi. Għal din ir-raġuni naħseb li tkun ideja tajba li kieku l-ewwel ġranet ġewwa l-akkademja jiġu ddedikati biex jinbena rapport bejn ir-rekluti nnfushom, fejn jiġu mogħtija *coping skills, study skills, communication u stress management skills* li żgur jgħinu lir-rekluti matul il-kumplament tal-kors.

Iż-żmien ġewwa l-akkademja huwa żmien li jiġi darba biss. Fil-fatt din hija ħaġa li jien nħobb ngħid lir-rekluti: *Make the most of it* għax żmien bħal dan ma jerġa' jiġi qatt. Huwa żmien importanti ħafna u għalhekk nemmen li wara kull kors wieħed għandu jħares lura u jara l-affarijiet li marru tajjeb biex darb'oħra jerġgħu isiru, u x'seta' mar ħażin biex darb'oħra isir aħjar. Jien nemmen ukoll li għandu jkun hemm xi tip ta' staff meetings bejn in-nies li jgħallmu l-akkademja. Nifhem li kulħadd għandu ħafna x'jagħmel, biss nemmen li meta jkun hemm *sharing of ideas* l-affarijiet imorru ħafna aħjar.



# Għoti ta' Ċertifikati ta' Mertu

**Bejn Marzu u April ta' din is-sena saru tliet ċerimonji qosra sabiex b'kollox tqassmu mal-126 ċertifikat ta' mertu.**

Il-maġġoranza taċ-ċertifikati ngħataw lil dawk il-Pulizija li ilhom għal dawn l-aħħar 10 snin jieħdu sehem f'parati, ċerimonji u attivitajiet oħra f'dawn is-sezzjonijiet: Banda tal-Pulizija (26-il membru), Jazz Band (5 membri), Precision Drill Team (10 membri), Sezzjoni tal-Klieb (11-il membru) u Sezzjoni taż-Żwiemel (9 membri). Ħamsa u ħamsin ċertifikat ieħor ingħataw lil dawk il-membri tal-Korp li ilhom għal dawn l-aħħar ħames snin jiffurmaw parti mill-Gwardja ta' l-Unur. Tmien ċertifikati oħra ingħataw lil dawk il-Pulizija li ilhom għal dawn l-aħħar tmien snin ma jieħdu ġurnata sick leave. Finalment ingħataw ukoll ċertifikati ta' mertu lil żewġ membri tal-Korp talli nhar il-21 ta' Diċembru 2007 meta kienu xogħol fl-Iskwadra Mobbli salvaw il-ħajja ta' ġuvni li kien ser jagħmel suwiċidju minn fuq il-pont tal-Mosta.Il-Kummissarju tal-Pulizija qassam dawn iċ-ċertifikati lil membri tal-Korp u rringrazzjhom tax-xogħol siewi li għamlu.





# YOUR SECURITY PARTNERS

## WHEN AND WHERE IT MATTERS MOST



From the outset Shield have sought to generate credible operational capabilities based on proven methods of security risk assessment and an emphasis on the belief that staff development and education play a key role in securing organizations from within. To this end we have fostered a number of associations with international organisations of long-standing repute which will enable us to reach our longer term objectives. We also subscribe to a number of leading journals in the field and generally leave no stone unturned in maintaining an acute awareness of existing threats and emerging risks,

Shield are the exclusive local representatives of the Department of Criminology, University of Leicester, formerly known as the Scarman Centre.

The Department is recognised today as the leading global institution in the research and higher studies involving organisational security and risk management, policing, risk, crisis and disaster management, and criminal justice. The courses offered are renowned for their academic excellence and much sought after by students seeking MSc levels or Post Graduate Diplomae worldwide. Established in 1987, the Centre now proudly over 900 students in 60 countries. SHIELD are proud to represent the Department as sole representatives in the Maltese Islands. The Distance Learning Courses offered by Scarman are the following:

* MSc/Postgraduate Diploma in Community Safety
* MSc/Postgraduate Diploma in Criminal Justice
* MSc/Postgraduate Diploma in Health & Safety Management
* MSc/Postgraduate Diploma in Policing & Public Order Studies
* MSc/Postgraduate Diploma in Risk, Crisis and Disaster Management
* MSc/Postgraduate Diploma in Security Management
* MSc/Postgraduate Diploma in Security and Risk Management
* Undergraduate Diploma/Certificate in Security Management
* PGC in Maritime & Supply Chain Security

**SHIELD**
SECURITY CONSULTANTS

**Suite 2 Network Building, Industrial Zone, Mriehel BKR 3000**
**Tel: +356 21 446 980 Fax: +356 21 497045 Cell: +356 99 424 811**
**E-mail: consult@shield.com.mt or training@shield.com.mt Website: www.shield.com.mt**




# L-Iskwadra Mobbli tal-Pulizija

Ps 772 Dennis Agius

## Għandi bżonn l-assistenza jekk jogħġbok ibgħatli tal-Mobile ħa jassistuni!

Minn jaf kemm-il darba smajna din il-frażi minn fuq ir-radios tagħna tal-Pulizija, u bir-raġun għaliex l-Iskwadra tal-Mobile għanda waħda minn dawn il-funzjonijiet, li ssibha meta jkun hemm il-bżonn. Għalhekk f'dan il-magazine illum ser nagħtu ħarsa lejn din l-Iskwadra, kif twaqqfet u għala twaqqfet.

Ta' min isemmi li f'pajjiżna minn dejjem anke ħafna snin ilu qabel ma kien ġie mwaqqaf il-Korp tal-Pulizija, kien hawn xi forma ta' nies li kienu jagħmlu ronda madwar l-irħula tagħna kif ukoll max-xtajtiet, dawn kienu jsejħulhom tad-Dejma li kienu l-ewwel grupp ta' nies b'uniformi li kienu jagħmlu dan ix-xogħol ta' sorveljanza. Imma aktar riċenti minn dak iż-żmien, fi ħdan il-Korp tal-Pulizija eżatt fl-1973 kienet twaqqfet l-Iskwadra tal-Mobile mill-Ispettur Pawlu Grech fejn dak iż-żmien kellha għad-dispożizzjoni tagħha żewġ Land Rovers li kienu ngħataw mis-servizzi Ingliżi li kienu ibbażati f'Malta, dan ix-xogħol beda jsir l-aktar matul il-lejl fejn dak iż-żmien kienet qed terfa rasha il-kriminalita'. Minn jiftakar dak iż-żmien, kienu bdew jitpoġġew ħafna bombi mal-bibien tad-djar u ma' xi night clubs fejn kienu qed jiltaqaw ċerti nies magħrufa għal dak iż-żmien. Kienu jsiru wkoll roadblocks, kif ukoll spezzjonijiet minħabba xi serq. Wara ftit taż-żmien din l-iskwadra għaddiet f'idejn l-Ispettur Peter Cordina fejn beda jsir dak il-meljorament li għadu jsir illum minn żmien għal żmien. L-Iskwadra baqgħet dejjem tikber u tiġi użata għal diversi xogħolijiet pero l-għan għewlieni dejjem kienet ir-ronda li jagħmlu biex tittrażżan il-kriminalita'.

Minn dak iż-żmien lil hawn il-vetturi inbidlu kemm-il darba, fosthom insemmi l-Cortina Mk1, wara ġew il-Cortina il-kbar (l-aħħar mudell ta' Cortina li kien ħareġ) fejn wara iddaħħlu l-Ford Sierra, id-Daewoo Espero, Alfa Romeo, Skoda Felicia, Ford Focus Hatchback, u l-aktar riċenti il-Ford Focus Saloon. Din l-Iskwadra matul iż-żmien dejjem kellha madwar 20 vettura biex taqdi id-doveri tagħha.

Din l-iskwadra għal ftit taż-żmien kienet taqa' dirett taħt il-Kummissarju tal-Pulizija, għal bidu tas-snin tmenin din l-Iskwadra ingħaqdet mat-taqsima tas-C.I.D. fejn għada hekk sal-lum. Din hi l-unika Skwadra mit-taqsima tas C.I.D. li tilbes uniformi formali tal-Pulizija, hu huma l-unika Pulizija b'uniformi formali li jġorru l-arma tan-nar magħhom il-ħin kollu waqt il-ħin tax-xogħol. L-Iskwadra Mobbli llum tkopri fiha madwar mitt membru tal-Korp, fejn il-Kap tagħha hu s-Supretendent tas-C.I.D. is-Sur Pierre Calleja, taħt id-direzzjoni tal-Ispettur Anthony Agius li ilu jmexxi dan il-grupp għal dawn l-aħħar erba' snin. Ma' l Ispettur Agius iltqajna għal ftit tal-ħin biex ħadna dawn il-kummenti, fejn ħafna mill-ħin waqt din l-intervista kien diversi drabi jikkomunika sew bir-radio jew minn fuq it-telephone man-nies ta' l-Iskwadra fuq problemi li kienu qed jiltaqaw magħhom. Hemm ukoll tminn Surġenti, tnejn f'kull shift, fejn kull shift ikun jikkonsisti f'madwar erba' u għoxrin membru. Fost il-ħafna xogħol li tagħmel ta' ronda, il-Mobile Squad tagħti l-






ikbar daqqa t'id lid-dipartiment tas-C.I.D. biex jiġi mrażżan is-serq u attivitajiet kriminali oħra, jkunu ta' response għal sezzjonijiet oħra u għal tad-distrett fejn ta' min wieħed japprezza il-fatt li ħafna drabi jkunu fuq il-post qabel ħaddieħor.

Għal skop ta' xogħol, Malta tiġi maqsuma f'għaxar distretti fejn kull distrett huwa immanjat b'vettura b'żewġ membi fiha filwaqt li Surġent jieħu in-nofsinhar ta' Malta u ieħor jieħu it-tramuntana. Illum il-ġurnata mhux biss jagħtu l-assistenza fejn ikun hemm il-bżonn iżda ukoll huma trejnjati biex f'każ li jaslu huma l-ewwel kapaċi jippreservaw ix-xena tad-delitt u jiġbru l-ewwel informazzjoni li ħafna drabi tkun l-aktar utli biex jiġi solvut xi delitt li jkun għadu kemm sar. Huma kapaċi anki fil-first aid fejn mhux l-ewwel darba kien hemm każi fejn taw l-għajnuna qabel ma jkunu waslu fuq-il post il-paramediċi.

Xhud ta' dan hu meta s-sena l-oħra waqt ħin tax-xogħol normali fejn il-ġurnata kienet waħda kwieta, instema' li kien ċeda saqaf li kien għadu qed jingħata il-konkrit fil-Ħamrun, fejn mingħajr ma stennew ebda ordni anki ddubbaw xi għodda minn ħwienet u qabel kullħadd bdew ix-xogħol biex jiġu salvati xi nies mingħajr ma qadu jqijsu f'liema periklu setgħu kienu huma stess. Jekk f'dan il-kuntest qed insemmu il-ħin kemm hu prezzjuż, l-Ispettur qal li meta illum din il-gżira tagħna mimlija kollha vetturi fit-triqat jinqala' inċident, f'inqas minn erba' minuti kapaċi jaslu fuq il-post, b'ċerta faċilita' fis-sewqan. Kienet ukoll l-ewwel skwadra li daħlet is-sistema ta' l-overlaping waqt il-ħin tax-xogħol, u dan sar minħabba il-fatt li kien hemm ħin li t-toroq tagħna kienu qed ikunu mingħajr ronda sakemm jinbidel ix-shift. Bis-sistema tal-overlaping li hemm illum il-vetturi tal-Mobile qatt ma jinqataw minn ġot-toroq. Xogħol ieħor konness mat-taqsima huwa l-assistenza waqt it-tqassim tal-flus f'banek kummerċjali, allura hawn wieħed ma jridx jinsa x-xogħol kbir u imprezzabbli li għamlet din l-iskwadra meta Malta kienet qed taqleb għas-sistema tal-flus Euro, illi meta kont tarhom kienet toħroġ il-professjonalita' li għandhom dawn il-membri.

Biex ikomplu jagħtu d-daqqa t'id li hemm bżonn, fil-vetturi tagħhom issib ħafna affarijiet oħra bħal ma nsemmu fire extinguisher tas-sitt kilos u boroż għal kull ġbir t'evidenza, fost affarijiet oħra. Qabel joħorġu għax-xogħol, il-membri tat-taqsima jingabru kollha fejn jiġu ibbrifjati bl-eventwalitajiet tal-ġurnata u x'hemm bżonn li jsir waqt dak il-ħin tax-xift dan isir sew mill-Ispettur tat-taqsima, jew mid-duty officer tas-C.I.D. u meta kien il-bżonn anki mis-Supretendent tat-taqsima. Bħal ma semmejna qabel f'kull vettura jkun hemm żewġ kuntistabbli, wieħed bir-responsabbilta' tal-vettura, u l-ieħor jieħu ħsieb il-karti fejn jieħu nota ta' dak li jkun qed jiġri, per eżempju bħal ma ngħidu aħna, waqt ir-ronda jara li jkun hemm persuna magħrufa mal-Pulizija li tkun f'kumpanija ta' persuna oħra li jkunu magħrufa għal ċerti atti kriminali, jieħdu nota ta' dak li raw biex għal kull eventwalita' jkunu jistgħu jinvestigaw aktar 'il quddiem. Aktar 'il quddiem l-iskwadra ukoll ħa tkun magħmmra bit-Taser, li bħal issa qed isir taħriġ dwaru fl-Akkademja tal-Pulizija.

U la tkellimna fuq dak li ħa jkollha 'il quddiem din l-istess skwadra, staqsejna ukoll lill-Ispettur kieku kellu jżid xi ħaġa għal futur tal-Mobile xi tkun. Is-Sur Agius qal li jixtieq li 'il quddiem il-Mobile Squad ikollha kwartieri aktar addattati għal ġurnata tal-llum fejn sar ħafna tibdil s'issa pero semma' li aħna bħala Korp għandna inkun qabel il-kriminal kemm jista' jkun għax għal dan ikun moqdi aħjar iċ-ċittadin. Forsi wieħed jista' jsejħilha ħolma pero diġa kellna bħala fil-Korp ftit tas-snin ilu, hi li sorveljanza fuq l-art u fuq il-baħar għadna iżda xejn minn dan fl-ajru. L-Ispettur qal li tkun xi ħaġa sabiħa li l-Pulizija jerġa' jkollha is-servizz tagħha ta' helicopter, fejn qabel ma twaqqfet l-air squadron tal-F.A.M. il-helicopters tal-għamla Bell kien jappartjenu lil Korp tal-Pulizija u kienu membri tal-Korp stess li kienu jinnavigawhom. Xi ħaġa oħra li qed tiżviluppa it-taqsima, hija Response Van li jkun fih apparat għal kull bżonn bħal tarek, numru ta' fire extinguishers, u apparat ieħor li jista' jkun hemm bżonnu f'emerġenza bħal ma kien ġara fil-Ħamrun.

Din it-taqsima ukoll għandha żewġ membri li jaħdmu bl-erba' u għoxrin siegħa li huma msejħa equipment officers li xogħolhom hu ukoll importanti ħafna fejn jieħdu ħsieb li jżommu l-armerija tal-iskwadra, jieħdu ħsieb il-vetturi f'dak kollu li jkun hemm bżonn fost xogħol utli ieħor.

Ta' min isemmi fl-aħħar iżda mhux l-inqas li din l-iskwadra hija l-unika skwadra fi ħdan il-Korp li ngħatat ċertifikat ta' mertu kollettiv għax-xogħol siewi li tagħmel, sew għal-Korp tagħna kif ukoll għall-ħarsien tal-pubbliku.



'Illum il-ġurnata il-bitħa ħadet xejra oħra. Ibża' għaliha'

# Ir-Reat tat-Telefonati Anonimi

It-tieni parti
Ps1454 Dr Jason Grima

**Ftit ta' żmien ilu kont ktibt artiklu fuq dan il-Magazine bit-titolu 'Ir-Reat tat-Telefonati annonimi'. Minn meta ktibt dan l-artiklu saret żvolta ġurisprudenzjali kif ukoll leġislattiva kemm xejn importanti. Il-liġi hija meqjusa bħala fenominu vibranti u Alla ħares ma kienx hekk għax jekk il-liġi ma tiġiex emendata minn żmien għal żmien, ma tibqax isservi l-għanijiet li għalihom tkun ġiet maħluqa.**

Biex infakkar lill-qarrej, jien kont ktibt illi l-Att li jirregola l-kummunikazzjoni b'appart eletroniku huwa l-Att li Jirregola Kumunikazzjoniet Elettroniċi, Kapitolu 399 tal-Liġijiet ta' Malta. Konna tkellimna li taħt dan l-Att jeżistu offiżi kriminali u waħda minn dawn l-offiżi ntużat diversi drabi mill-Pulizija. Fil-fatt, il-Pulizija ħarġet diversi imputazzjonijiet kontra diversi persuni li għamlu użu ta' apparat elettroniku sabiex jheddu jew idejqu persuni oħra. Dan l-artiklu huwa l-artiklu 35(1)(d) fejn fil-qasir jgħid illi hija offiża kriminali kull min juża' l-apparat telefoniku b'mod mhux kif imiss jew mhux skond ir-regolamenti ta' l-awtorita'. Illum il-ġurnata l-użu ta' dan l-artiklu ġie nterpretat b'mod aktar ristrettiv mill-Qorti ta' l-Appel Kriminali f'sentenza mogħtija minn l-Onorevoli Imħallef Dr Joseph Galea Debono fl-ismijiet Pulizija v Dr Ettienne Calleja fl-22 ta' Awissu 2007. Din l-interpretazzjoni hekk ristrettiva bidlet is-sitwazzjoni viġenti qabel din id-data, fejn jirrigwarda l-użu taċ-ċellulari jew it-telefon b'mod mhux leċitu.

Il-fatti fil-qosor ta' dan il-każ kienu is-segwenti. Dr Etienne Calleja kien ittella' quddiem il-Qorti tal-Maġistrati bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali peress li waqt konversazzjoni fuq il-mobile ma' persuna oħra huwa uża xi kliem li f'opinjoni tal-persuna li kien qiegħed jitkellem magħha kien kemmxejn abbużiv. Il-Qorti tal-Maġistrati sabitu ħati li kiser l-artiklu 35(1)(d) u kkundannatu riprensjoni u ammonizzjoni.
Minn din is-sentenza, Dr Ettiene Calleja intavola appell quddiem il-Qorti ta' l-Appell Kriminali. Wieħed mill-aggravji li ressaq kien bażikament illi huwa ġie akkuzat b'reat li ma jeżistiex u ma jinkwadrax ruħu fl-artiklu 35(1)(d) tal-Kap.

Il-Qorti ta' l-Appell ikkunsidrat illi fl-Artiklu 35(1) tal-Kap 399 hemm erba' sub inċiżi li jikkontemplaw reati deskritti fin-nota marġinali bħala Reati ta' xorta kriminali speċifiċi għall-komunikazzjonijiet elettroniċi. Il-Qorti qalet illi dawn ir-reati huma kollha ta' natura teknika u l-għan ta' din il-liġi speċjali huwa mhux li joħloq jew jippunixxi b' mod aktar sever u gravi reati kriminali li jinsabu f'liġijiet oħra li jsiru b'mezzi ta' telekomunikazzjoni, imma biex tipprevjeni abbużi ta' natura teknika minn sistemi ta' komunikazzjonijiet elettroniċi. Il-Qorti waslet għal din il-konklużjoni wara li applikat ir-regola ta' l-interpretazzjoni eiusdem generis, regola li wieħed irid iżomm ġo moħħu meta jinterpreta il-liġi kriminali. Il-Qorti għamlitha ċara li dawn ir-reati kienu kollha intiż biex jolqtu speċifikatament it-theddid ta' sistemi ta' komunikazzjoni elettroniċi peress illi l-liġi stess ma ssemi bl-ebda mod it-theddid jew addirittura xi tip ta' reat ieħor kontemplat f' xi liġi oħra.

X'hini s-sitwazzjoni llum? Għalkemm il-Qrati Maltin m'humiex marbuta bil-prinċipju tal-preċedent bħal m'huma dawk ta' l-Ingilterra, xorta waħda deċiżjoni jew sentenza tal-Qorti Superjuri iġġor magħha ċertu piż u għalkemm ma torbotx fil-prinċipju lill-Qrati l-oħra (kemm inferjuri kif ukoll Superjuri) żgur mhux forsi isservi bħala indikazzjoni tar-regola u l-interpretazjoni korretta tagħha. Dan ta' l-aħħar jissaħħaħ jekk il-Qrati jibdew isegwu r-raġunament fis-sħiħ ta' xi sentenza kif ġara fil-każ in eżami.

Din kienet waħda mir-raġunijiet illi ddeċidejt biex nikteb dan l-artiklu biex dan il-Magazine mhux talli jservi bħala mezz informattiv, imma jkun ukoll mezz li jaġġorna lil qarrej-ja fuq suġġetti li diġa' inkiteb dwarhom u



seħħ żvilupp legali. Għaldaqstant is-suġġeriment tiegħi huwa dan li ġej.

Fejn hemm theddid, fastidju jew xi tip ta' offiża oħra b'użu ta' apparat telefoniku ma nistgħux noħorġu aktar akkużi taħt l-artiklu 34(d). Irridu mmorru għal offiżi aktar speċifiċi li kollha nsibuhom fil-Kodiċi Kriminali, Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta. Biex inġib xi ftit eżempji, fejn ikun hemm theddid, is-soluzjoni hija waħda ċara, il-Pulizija toħroġ akkużi taħt l-artiklu 339(e) sakemm ma jkunux aktar gravi u jaqaw taħt xi artiklu ieħor ta' l-istess Kodiċi. Fejn hemm il-fastidju wieħed irid ukoll iżomm ġo moħħu r-reat kontemplat fl-artiklu 251A. Ir-reat tal-malafama li nsibu fil-Kodiċi Kriminali huwa ukoll reat opportun.

Fl-aħħarnett il-leġislatur b'Att XXX tas-sena 2007 introduċa artiklu ġdid fil-Kap 399, l-artiklu 35A. Dan l-artiklu fil-linja marġinali huma msemmi bħala 'Użu ta' apparat ta' komunikazzjoni elettronika biex isir theddid'. L-artiklu 35A speċifikament jgħid illi:

Kull min permezz ta' xi network jew apparat ta' komunikazzjoni elettronika:

(a) jhedded li jagħmel xi reat; jew

(b) bil-ħsieb li jieħu xi flus jew xi ħaġa oħra, jew biex jagħmel xi gwadann, jew bil-ħsieb li jġiegħel lil ħaddieħor biex jagħmel jew jonqos milli jagħmel xi ħaġa, jhedded li jakkuża jew li jagħmel ilment kontra, jew biex jimmalafama lil dik il-persuna jew xi persuna oħra; jew

(ċ) jagħmel użu ieħor mhux xieraq bih, ikun ħati ta' reat taħt dan l-Att u jista', meta jinsab ħati, jeħel multa ta' mhux iżjed minn għaxart elef lira u, fil-każ ta' reat permanenti, multa oħra ta' mhux iżjed minn mitejn lira għal kull jum li matulu jkompli r-reat.

Jekk wieħed jifli sew dan l-artiklu jinduna illi ħafna mis-sitwazzjonijiet illi jiġu rraportati lill-Pulizija jaqgħu preċiżament taħt dan l-artiklu, il-problema hija pero' waħda biss, s'issa dan l-artiklu għalkemm jidher fl-Kap 355 għadu ma ġiex in vigore. Spjega ta' dan l-artiklu se ssir fil-ħarġa li jmiss.

# Riċeviment għal nies bi bżonnijiet speċjali

**Għal dawn l-aħħar sittax-il sena il-Kummissarju tal-Pulizija organizza riċeviment għal nies bi bżonnijiet speċjali.**







Dan dejjem jiġi organizzat wara il-festi ta' l-Għid. Din is-sena dan ir-riċeviment sar fl-24 ta' April 2008 fis-Sala Vilhena fil-Kwartieri Ġenerali tal-Pulizija, Floriana.

Dan ir-riċeviment issir bl-għajnuna tal-membri tal-Korp kif ukoll mill-iskrivani li jaħdmu fl-istess dipartiment u anke minn donazzjonijiet ta' diversi kumpaniji tax-xorb, ħelu u ikel.

Id-divertiment kien provdut mill-grupp ta' Marthese Tanti waqt li l-varjeta' kienet f'idejn Joe Farrugia d-Dulli flimkien mal-kantant Freddie Portelli, fejn kull persuna kienet mgħotija rigal.

L-Għaqdiet li ġew mistiedna din is-sena kienu: Iċ-Ċentru Adulti ta' Santa Venera; Iċ-Ċentru Adulti ta' Għajnsielem ; Iċ-Ċentru tas-Swater; u ċ-Ċentru ta' Ħal-Far

Huwa ta' sodisfazzjon kbir li tara l-ferħ fuq għajnejn dawn l-anġli f'din il-ġurnata, u tara kemm il-membri kollha li qegħdin ġewwa d-dipartiment tal-Pulizija jkunu flimkien biex iferħu u jgħinu lil dawn in-nies.

# REMARKABLE CHOICE KREA



5 YEAR
GUARANTEE

Available in different finishes

KREA

**KREA (Malta) Ltd.**
Mdina Road, Qormi
Tel: 21 463 501
Fax: 21 463 502
E-mail: info@krea.com.mt
**www.krea.com.mt**

**Showroom Opening Hours:**
Mon-Fri: 9.30am-1.00pm/2.00pm-7.00pm
Sat: 9.30am - 1.00pm





**Nispera li tinsabu tajbin u mill-Bosnia Herzegovina nixtieq insellem lil kollegi u ħbieb tiegħi. Min jiftakar, l-aħħar artiklu li ktibt għal din ir-rivista kien dwar l-esperjenza tiegħi fl-ewwel 8 xhur fi ħdan l-E.U.P.M. (Europoean Union Police Mission) jiġifieri minn April 2005 sa Diċembru 2005 fejn il-mandat tal-missjoni ġenerali kien għalaq.**

# EUPM FIELD OFFICE PALE

**Pc 135 Joseph Buhagiar**

## Wara li l-ogħla awtoritajiet tal-Bosnia Herzegovina ħeġġew lil Unjoni Ewropeja biex ikomplu bix-xogħol siewi li l-Pulizija internazzjonali kienet qegħda tagħmel, ittieħdet deċizjoni biex terġa' tiġi stabbilita Missjoni oħra b'mandat differenti.

F'Jannar 2006 il-E.U.P.M. kompliet bix-xogħol tagħha, imma bdiet mandat totalment differenti minn dak ta' qabel. Il-miri ta' dan il-mandat kienu biex il-missjoni (EUPM 2) taħt it-tmexxijja u l-koordinazzjoni tal E.U.S.R. (European Union Special Representative) tassigura li fil-pajjiż tistabilixxi Pulizija multi-etnika, professjonali, sostenibbli u li taħdem bl-aħjar standards Ewropej u Internazzjonali.

Fil-bidu ta' EUPM 2 jien ġejt stazzjonat ġo Public Security Centre (PSC) fil-lvant ta' Sarajevo, fil-belt ta' Pale fir-Repubblika Srbska. L-AoR (Area of Responsability) tal-PSC hija madwar 5,600 km kwadrati b'popolazzjoni ta' 200,000. Minn dawn 6 fil-mija biss huma ta' etniċita' Bosnijaka (musulmani) bil-bqija huma kollha Serbi. Il-PSC tkopri 14-il Muniċipalita' u l-ambjent huwa muntanjuż b'ħafna foresti fejn ħafna drabi fix-xitwa ħafna postijiet ma jistgħux jintlaħqu minħabba s-silġ.

F'din l-AoR jinstabu 14-il Għassa tal-Pulizija, 4 stazzjonijiet tat-Traffiku u 2 Sezzjonijiet tal-Pulizija Speċjali (Support Units.)

Bħala EUPM ġo l-uffiċju konna 6 Pulizija Internazzjonali (Grieg, 2 Ġermaniżi u 2 Franċiżi) megħjunin minn żewġ assistenti lokali.

Xogħlna kien li nikkoordinaw u ngħinu lil Pulizija lokali fil-ġlieda kontra il-kriminalita' organizzata. Wara li għamilna diversi laqgħat bejnietna ġie stabbilit li biex nilħqu l-għan tagħna u tal-missjoni kien jinħtieġ li nippjanaw xogħolna fuq 3 punti strateġiċi. Iddeċidejna li dawn il-punti huma:

a) Biex nissaportjaw lil Pulizija fil-ġlieda kontra il-kriminalita' organizzata kien jinħtieġ li naħdmu direttament mal-Pulizija. Dan stajna nagħmluh billi flimkien magħhom matul il-laqgħat li jkollna nipprovdu *operational advise* u support fl-ippjanar ta' investigazzjonijiet u operazzjonijiet kontra il-kriminalita' organnizzata. Jien personali inħeġġiġhom ħafna lil Pulizija lokali biex jiffaċilitaw il-kooperazzjoni u r-relazzjonijiet ta' bejniethom u bejn il-prosekuzzjoni, iżda speċjalment bejn l-Aġenżiji tas-Sigurta' oħra li jeżistu ġewwa dan il-pajjiż. Innutajt li għandom tendenza li jistennew li jiġri xi ħaġa biex jieħdu azzjoni. Jien dejjem tgħallimt li bħala Pulizija aħna qegħdin hemm speċjalment biex nipprevjenu għalhekk kien jinħtieġ li jkollhom iktar preżenza ta' Pulizija f'postijiet li aħna nsejħulhom *hot spots*. Hawnhekk tista' tgħid li l-fraternita' kriminali kollha kienu jiltaqgħu. Aħna ukoll nikkordinaw ix-xogħol ta' l-EUFOR (Suldati Internazzjonali) meta l-Pulizija jkollom bżonnhom għal xi operazzjoni bħal ngħidu aħna użu ta' helicopters u f'ħafna drabi meta jkun hemm xi theddida ta' bomba x'imkien.

b) Sibna li biex il-Pulizija lokali jkunu accountable kien jinħtieġ li nagħmlu spezzjonijiet u moniteraġġ fuq l-operazzjonijiet kollha tagħhom mill-bidu ta' l-ippjanar tal-investigazzjoniijiet u l-operazzjonijiet sakemm il-każ jitwassal quddiem il-Qorti. Peress li aħna bħala EUPM ma għandniex ġurisdizzjoni fuq il-ġudikatura ma nistgħux inkomplu iżjed. U ma dan nixtieq inżid li hawn kien wieħed mill-iżbalji maġġuri ta' din il-missjoni fejn ħafna każijiet qed jintilfu fil-Qrati u ma nistgħu nagħmlu xejn. Ta' min



wieħed isemmi li fil-missjoni tal-Kosovo li għaddejja bħalissa, il-Pulizija internazzjonali għandhom ġurisdizzjoni fuq il-Qrati. U wieħed hawn jara li vera mill-iżbalji nitgħallmu. Aħna ukoll nimmoniterjaw is-sitwazzjoni fi ħdan il-Pulizija lokali nnifishom. Jiġifieri sitwazzjonijiet li jmorru kontra l-liġi f'okkazzjonijiet ta' arresti. Biex aħna nkunu nistgħu naħdmu fuq hekk, aħna għandna aċċess għal kull dokument li jeżisti, għal kull post li għandhom il-Pulizija u għal kull persuna mill-ogħla uffiċċjal sal-Kuntistabbli.

c) Li nissapportjaw l-implimintazzjoni tal-*Police Restructuring.* Peress li DPRI (Director for Police Restructuring Implementation) spiċċa x-xogħol tiegħu f'Diċembru, ir-riforma fil-Pulizija qegħda f'idejn l-għola awtoritajiet tal-pajjiż. Li nista' ngħid hu li xi xahar ilu wara ħafna diżgwid u taqtih il-qalb li ilu sejjer għal dawn l-aħħar 4 snin, l-awtoritajiet qablu fil-Parlament fuq il-*Police Restructuring.* Bħalissa għaddej studju tekniku u leġislattiv biex tiġi implimentata. Sinċerament, jiena ma kont involut xejn f'dan kollu għax iktar kien xogħol ta' politikanti li jinnegozzjaw bejniethom fejn anke daħlet tiżfen fin-nofs l-aċċess tal-Bosnia Herzegovina fi ħdan l-Unjoni Ewropeja. Nista' ngħid li wara li qablu, fl-aħħar ta' Mejju għandhom jiffirmaw l-S.A.A.. (Stabilization and Association Agreement)

F'Diċembru 2007 il-*European Union Police Mission* reġgħat ġiet estiża għal sentejn oħra, propju sa Diċembru 2009. F'dawn is-sentejn li ġejjin aħna ser nibqgħu naħdmu fuq dawk it-tliet punti strateġiċi msemmijja iktar 'il fuq, b'emfasi partikulari tmur fuq il-ġlieda kontra il-kriminalita' organizzata. Ukoll ħa nagħtu ftit iktar attenzjoni biex ninfurzaw il-kooperazzjoni bejn il-Pulizija lokali u il-Ġudikatura.

B'dan kollu ħadt l-ispazju kollu mogħti lili. Il-quddiem jekk il-bambin irid nirrakkontalkom xi esperjenzi interessanti li għaddejt minnhom. Nixtieq minn hawn nistieden lil kull min jixtieq jikkuntattjani, l-email address tiegħi huwa jbuhagiar@eupm.org. Nieħu ħafna pjaċir nisma' minn għandkom.

Nagħlaq billi minn hawn nixtieq nirringrazzja lil Kummissarju tal-fiduċja li wera' fija u fil-kollega tiegħi l-ieħor li hawn fil-Bosnia. Nixtieq nirringrazzja ukoll lil Kmandant tas-Sezzjoni tiegħi li tant ħadem biex għall-ewwel darba Malta tiġi rappreżentata ġewwa Missjoni bħal din. Nawgura mill-qalb l-isbaħ xewqat lil kollegi Pulizija ta' Malta kollha fil-194 sena Anniversarju tal-Korp tal-Pulizija ta' Malta li matul din l-esperjenza li qed nagħmel, sirt naf kemm bħala Pulizija Maltin kapaċi nħabbtuha ma' pajjiżi ferm ikbar minnha u li jien kburi li nagħmel parti minnu.

Insellmilkom

PC 135 Joseph Buhagiar.

# Donazzjoni tad-Demm

The National Blood Transfusion Service

**KULL QATRA TGĦODD.**

**IL-KONTRIBUT TIEGĦEK JISTA' JSALVA ĦAJJA**



## Enjoy a BBQ Night

*On the roof top of the Park Hotel*

Every Friday *(weather permitting)* you can enjoy a superb Barbecue Night on the roof top of the Park Hotel with live entertainment by Lawrence Gray.

**To Start Off...**
*A variety of antipasti & starters*

**From the Grill...**
*Choice from the BBQ Grill*

**And for Dessert...**
*A vast selection of Cheese, Fruit & Gateaux*

**Adults € 17.00**
**Children € 10.50** (up to 12yrs)



PARK HOTEL

Graham Street, Sliema SLM08, Malta
Phone: +356 21343 780 / 6 - Fax: +356 21343 315
info@parkhotel.com.mt - www.parkhotel.com.mt



## TANTI OPTICIANS SPECIAL PROMOTIONS




**Offer exclusively available from:**
Valletta – St. John's Square. Tel: 2124 5931, 2122 2994
Sliema – 8, Tigne Street, Tel: 2133 5232
B'Kara – 3 Mannarino Road, Tel: 2149 8029
Paola – 34, Paola Square. Tel: 2182 1583
Eye Specialist in Attendance Tel: 2124 5931 or 2122 2994 for an appointment.

Tanti Opticians






M.DEMAJO
(Timbers) Ltd.
www.demajotimbers.com
KAINDL ONE - narrow planks with a natural touch.
The laminated parquet with a wood texture you can feel.
M. Demajo (Timbers) Ltd. Olive Square, Qormi
Tel: 21441501 – 21487078 Mob: 9949 3619
M.DEMAJO
group
Suppliers / Installers of Solid Wood, Laminated and Bamboo Parquet



Nhar l-Erbgħa 26 ta' Marzu 2008, ġiet organizzata it-tielet ħarġa għat-tfal tal-membri tal-Korp tal-Pulizija. Għal din il-ħarġa, li ħaditna fil-gżira sabiħa ta' Għawdex, u li kienet miftuħa ukoll għal wieħed mill-ġenituri, attendaw tlieta u ħamsin tifel u tifla, sittax-il ġenitur u tliet helpers.

# Ħarġa għat-tfal Nru3. - Destinazzjoni Għawdex

**1st. S.M C. Zammit**

**Fit-8 ta' fil-għodu, tliet mini buses tal-Korp telqu lejn iċ-Ċirkewwa, fejn kellna nistennew għaliex bi ftit minuti tlifna l-vapur! Jistennewna x-xatt ta' l-Mġarr, kien hemm jilqugħna s-Supretendent Antonello Grech, is-sinjura Grech, u t-tfal tagħhom.**

Kif irfisna l-art Għawdxija ġejna avviċinati minn żewġ entertainers magħrufa Maltin - id-Dulli u l-mara tiegħu Veronica, fejn f'diskursata qasira qalulna li l-mawra tagħhom fil-gżira Għawdxija kienet waħda filantropika, fejn kienet organizzata ġurnata f'Għajnsielem għal persuni Maltin bi bżonnijiet speċjali. Saqsewna jekk stajniex inwassluhom, wara kollox kull qalb trid oħra!

Matul il-vjaġġ id-Dulli ma waqafx jirrakkonta ċ-ċajt, bit-tfal attenti għal kull ma beda jgħid, bid-daħk ikun reċiprokat minn dawk preżenti.

L-ewwel waqfa tagħna kienet fil-fabbrika ta' Magro Brothers fejn iltqajna ma' Ms. Grace Vella, li hija manager ta' 'Savina Creations Ltd', waħda mill-kumpaniji li tagħmel parti mill-kumpanija tal-Magro Brothers.

Ms Vella tatna spjegazzjoni ta' x'tagħmel u kif tiffunzjona din il-fabbrika, li llum il-ġurnata tagħmel isem ukoll barra minn xtutna. B'interess kbir fuq it-tfal, Ms Vella spjegat kif, per eżempju jsir it-tadam mqadded, fejn dan jiġi mnixxef fix-xemx, jitmellaħ, u mbagħad jiġi ippressat ġewwa vażetti. Kurjuża hija li kuljum jipproduċu disgħajn vażett biss.

Wara l-ispjegazzjoni Ms Vella stednietna sabiex induru l-parti tal-fabbrika li għandha x'taqsam mal-produzzjoni fejn ġejna milqugħa mis-Sinjuri Lawrence Grech u Rose Camilleri fejn tawna spjegazzjoni fuq il-prodotti u l-ipproċessar. Differenti minn pajjiżi oħra Mediterranji, qalulna li t-tadam jinġabar kuljum mill-għelieqi bl-idejn.

Wara siegħa u nofs interessanti nduru madwar din l-fabbrika, wasal il-ħin sabiex nitilqu, fejn qabel ħriġna sibna daqxejn ta' riċeviment fejn ġejna mdewqa diversi prodotti li jinħadmu f'din il-fabbrika. Sorpriża għal kulħadd kienet li kull tifel u







tifla ingħata rigal ta' tifkira.

Kien wasal ħin l-ikel u l-waqfa tagħna kienet għand McDonalds.

Wieħed ma jistax ma jmurx Għawdex u ma jżurx iċ-Ċittadella – simbolu ta' trijonf fuq l-għadu ta' kull żmien. F'żiffa ħelwa u xemx, li xi kultant bdiet tinħeba wara s-sħab, wieħed ma setax ma jieqafx jammira l-veduti mill-isbaħ li joffri dan il-post.

Bqajna mexjin u dħalna nżuru l-Mużew tal-Folklor, li ġie inawgurat fl-20 ta' Novembru 1983 minn Nutar Sciberras Trigona. Wieħed seta' jammira l-attenzjoni tat-tfal lejn l-istorja ta' dan il-mużew, speċjalment lejn il-mod ta' kif wieħed kien jgħix fi żminijiet l-imgħoddija. Kif jgħid l-Ingliż it is worth visiting.

It-tieni mużew li żorna kien dak ta' l-istorja tan-natura, fejn dan ġie nnawgurat min Dr. Ugo Mifsud Bonniċi fil-15 ta' Novembru 1981. Interresanti huwa l-fatt illi fl-1800 dan il-mużew kien jintuża' bħala l-ewwel lukanda fiċ-Ċittadella, f'Għawdex.

Ta' interess huwa l-fatt li taħt it-tlettax-il għolja li wieħed isib f'Għawdex, tinstab l-eqdem ġebla – ż-Żonqor – li ilu jifforma f'Għawdex tnejn u tletin miljun sena ilu, waqt li l-istrata ta' fuqu, li hija iktar ratba, ilu tnax-il miljun sena. Fattur interessanti ieħor huwa li l-ġebla magħrufa bħala 'Rina' kienet tinbarax ħalli t-trab li kien joħroġ minnha kien jintuża' sabiex tnixxef il-linka minn fuq il-karta, għaliex dak iż-żmien il-karta xuga ma kinitx teżizti.

Mużew ieħor interessanti li wieħed għandu jżur, mhux biss għall-arkitettura perfetta li fih, imma meta wieħed joqgħod jaħseb ftit x'tip ta' għodda li kienu jużaw il-bennejja ta' dari sabiex jinbnew dawn it-tipi ta' postijiet.

L-aħħar post li waqafna fih kien il-Kumpless Sportiv fejn it-tfal, bl-enerġija u entużjażmu tagħhom sfruttaw l-aħħar ftit ħin li kien baqalna fil-gżira Għawdxija. Il-Malti jgħidlek li darbtejn insiru tfal, u kien hawn li kulħadd ingħaqad jilgħab flimkien – football, basketball, volleyball – li nqerr it-tfal irnexxielhom jaqtawlna nifisna!

Jiena flimkien ma' sħabi, nixtiequ nirringrazzjaw lill-Kummissarju tal-Pulizija s-Sur John Rizzo tal-permess u l-għajnuna li tagħna, lis-Supretendent Antonello Grech u lis-Sinjura Grech għal koperazzjoni u għal organizazzjoni sabiex din il-mawra tkun success.

Din l-attivita' swiet lill Assoċċjazzjoni tal-Pulizija is-somma ta' €408.01 jew Lm175.00.

***HUWA DMIR U DOVER TAGĦNA LI NĦARSU LIĊ-ĊITTADIN***

PERO' ISSA WASAL IŻ-ŻMIEN LI TĦARES LILEK INNIFSEK

L-OBESITA' HIJA PROBLEMA LI TOLQOT LIL KULĦADD.

HUWA FAĊLI LI PERSUNA ŻŻID FIL-PIŻ TAGĦHA, SPEĊJALMENT JEKK TAGĦMEL ĦAFNA ĦIN BIL-QEGĦDA.

IBŻA' GĦAL SAĦĦTEK U HU L-PARIRI MEĦTIEĠA SPEĊJALMENT JEKK TKUN QIEGĦED ISSEGWI XI TIP TA' DIETA.

*SAHHTEK IBŻA' GĦALIHA.*



# Drinn Drinn 16

Supt Peter Paul Zammit

Hello Prosecutions Unit.

*Hello Sir, bonġu, kif dejjem tgħid, tikber u titgħallem…*

Għidli xi tgħallimt int forsi nitgħallem jien.

*Tajba din, jien ngħallem lilek… għandek aptit iċ-ċajt.*

Mela ħa ngħallmek oħra, it-tagħlim jiġi minn kullimkien, sa mill-iżgħar u minn fejn 'l anqas li tippretendieha, l-importanti li jkollok moħħok miftuħ. Imma għadek ma għedtlix xi tgħallimt u għalfejn ċempiltli.

*Għandek raġun. Illum kont xhud fil-Qorti tal-familja (ġdida din ukoll) fuq akkuża li ħriġt fuq kwerela tal-avukat, fejn akkużajt lil missier li ma tax aċċess lil martu għal uliedhom minuri u l-Qorti ħarġitu liberat għax kif smajt, hu ma kellux il-kura u kustodja tat-tfal, u dawn ta' l-aħħar nitolbok tispjegahomli, għax ma fhimtx sew.*

Mela ħa nibdew, il-Qorti tal-Familja huwa isem amministrattiv li ngħata lil Qorti tal-Maġistrati (Malta/Għawdex) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali, billi sezzjoni partikolari (ċioe' Maġistrat partikolari) ingħata x-xogħol li jisma' kawżi partikolari, u dan skond il-proċedura taħt il-Kodiċi ta' Organizazzjoni u Proċedura, billi l-Prim Imħallef, bl-approvazzjoni tal-President ta' Malta, jassenja x-xogħol lill-membri tal-Ġudikatura. F'dan il-każ snin ilu inħass il-bżonn li jkun hemm Ġudikant li jkun assenjat kawżi partikolari, dawk li jinvolvu inċidenti bejn membri tal-familja. B'hekk bdiet tissejjaħ bħala Qorti tal-Familja.

*Sa hawn wassaltni.*

Issa, għidtli wkoll li ħriġt akkuża fuq kwerela ta' avukat li ngħatat lilek. Issa ħa niġu għall-intriċċi fini li hawn f'dan il-każ u ser nistaqsik mistoqsija, taħt liema artiklu tal-liġi ħriġt din l-akkuża?

*Art 338(ll).*

Din qrajtha mill-kwerela, jew għax tafha?

*Ngħidlek il-verita' qrajtha mill-kwerela u wkoll fittixtha fil-kodiċi u dehrli wara li kellimt lill-partijiet li stajt noħroġ dik l-akkuża.*

Imma kemm qrajtha sewwa, ħa nkompli nistaqsik, il-kwerela x'daħlet fin-nofs, dan ir-reat huwa kwerelabbli?

*Ma nafx sew, imma jien dejjem tgħallimt li f'każ bħal dan jkun hemm il-kwerela.*

Dan huwa żball ripettitiv u perpetwat.

*Kemm qed titkellem tqil.*

Mela, ħalli inkun ċar, u nispera li minn hawn jitgħallmu l-oħrajn. Ir-reat skond l-Artiklu 338(ll) ma għandux bżonn kwerela biex il-Pulizija tmexxi. Hemm bżonn iżda li l-Pulizija tinvestiga xi ħaġa li jidher li int għamilt billi kellimt lill-partijiet, iżda jidher li forsi ma dħaltx fil-fond biżżejjed.

*Imma jekk il-missier qalli li ma ħax lit-tfal għand l-ex mara tiegħu għax sempliċement it-tfal, u dawn ta' erba' snin u disa' snin ma riedux imorru, dik raġuni valida.*

Bravu, jidher li rajt dik il-parti li ħafna nies jinsew, u ċioe' **mingħajr raġuni valida**. Iżda din mhux kollox, id-digriet tas-separazzjoni (jekk kien hemm) rajtu?

*Iva sir, kien hemm, ġabitulhi l-mara meta bagħat għaliha u dan għax tlabtulha.*

Tajjeb għamilt u hekk għandu jsir. Issa min kellu l-kura u kustodja?

*Preċiż, preċiż ma nafx, imma jidhirli li l-kura u l-kustodja kienu tal-mara.*

U hawn hu l-bużillis, minn dak li għidtli fil-bidu jidher li dik kienet il-pużizzjoni legali, u allura qbist biċċa, għax il-liġi tagħmel it-twettiq ta' dan ir-reat minn min għandu l-kura u kustodja li ma jagħtix l-aċċess mingħajr raġuni valida. Il-missier, li f'dan il-każ li ma għandux il-kura u kustodja, ma hux qed jikser din id-dispożizzjoni tal-liġi.

*Ma fhimtikx sir!!*

Biex tiekol fenek x'għandek bżonn?

*Faċli din, fenek.*

Il-fenek f'dan il-każ ma kellikx, u dan billi l-missier biex jikser din id-dispożizzjoni tal-liġi jinħtieġlu jkollu kwalita' partikolari u ċioe' dik li jkun ordnat mill-Qorti jew kif marbut bil-kuntratt.

*Din ħarbitli…*

Mhux lilek biss ħarbet, iżda lil ħafna nies. Dan l-iżball qed isir ħafna u għal ħafna raġunijiet u l-Qrati tagħna taw ħafna sentenzi fuq dan ir-rigward.

*Ċis, ma tarax, allura f'każ bħal dan il-liġi ma ħasbitx, ma hemmx x'tagħmel?*

Diġa infaxxajt rasek. Dażgur li hemm, imma irridu ninvestigaw sew, kif dejjem ngħid, qabel ma ninvestigaw ma nistgħux nitkellmu.

Allura issa ġej għal parir, f'każijiet bħal dawn x'nistgħu nagħmlu?

Tal-parir tħallas is-soltu imma minn hawn b'x-ejn u allura ara ġej. L-ewwel fattur huwa li rridu noqgħodu attenti ħafna għal dak li jkun hemm miktub fid-digriet jew kuntratt ta' separazzjoni. Minn l-investigazzjoni li int għamilt u minn dak li għidtli jidher li hemm każ ta' raggion fattasi jew kif tafuh aħjar ta' pretended rights ta'l-inqas. Il-missier f'dan il-każ jidher li ħa l-liġi f'idejh meta sabiex jagħmel dak li huwa għamel kellu toroq oħra u ċioe' dawk ġudizzjarji, għaliex fis-separazzjoni hija l-Qorti li tiddeċiedi min imur ma' min u min għandu dritt fuq xiex. Hemm diversi sentenzi oħra li jgħidu li mhix akkuża li l-minuri jgħid li ma jridx imur, imma l-ġenitur għandu jagħmel dak kollu possibbli biex dawk id-drittijiet tal-ġenitur l-ieħor jiġu mħarsa u dan għal raġunijiet soċjali kif ukoll ta' dritt. Kellna każijiet fejn il-missier ħeba b'forza lit-tfal, u f'dan mexxejna anke bil-forma tar-reat ta' arrest illegali u anke każijiet fejn kien hemm estorsjoni jew anke fastidju li huwa reat kemm xejn ġdid. Allura huwa importanti li tara l-għaliex dan sar u xi skużi jista' jkun hemm fil-każ.

*Grazzi sir, ġejt biex ngħallmek b'xi ħaġa ġdida, u spiċċajt għallimtni int.*

Le ħabib, spiċċajt ġejt fuq drinn drinn biex jitgħallem ħaddieħor, dan is-sabiħ tagħna, li nitgħallmu minn xulxin. Il-jum it-tajjeb.

*Lilek ukoll sir, u grazzi dejjem tal-parir.*

Dak dover.

NEW SHOWROOM

Vision line
MARKET CENTRE

Now Open
Psaila Street, Birkirkara

Tel: 2144 9723



FOR US, EVERY PROJECT IS IMPORTANT... NO MATTER WHAT SIZE.

WIDE RANGE OF MODULAR & ACOUSTIC SOFFITS • GYPSUM CEILINGS, BULKHEADS & PARTITIONS • SPECIALIZED SOUND & FIRE PROOFING • RAISED FLOORINGS • DEMOUNTABLE WALLS
TOILET CUBICLES • PARQUET FLOORING • LIGHT FITTINGS • COVES AND CORNICES • TURNKEY PROJECTS • IMPORT, SUPPLY & INSTALLATION OF SOFFITS & GYPSUM BOARDS

Xuereb Installations Ltd.

TAL-HLAS ROAD, QORMI QRM 10 (behind KIA Showroom) • Tel: 21495799, 21495972, 21495792, 21495836
Fax: 21495834 • Mob: 9949 2278 • E-mail: xil@xuerebinstall.com • www.xuerebinstall.com

BTS Cryotherm INTEC PAVIMENTI SOPRAELEVATI KNAUF LOGIKA OWA ROCKWOOL FIRESAFE INSULATION

# L-Akkademja tal-Pulizija

Kmandant ta' l-Akkademja Ronald Kelly

**Fl-artiklu li jien kont ktibt u li kien ippubblikat fil-Magazin tal-Pulizija ta' Ġunju, 2007 kont għidt li t-tagħmir u t-taħriġ huma mportanti ħafna għas-suċċess ta' kull organizazzjoni u mhux anqas għall-Korp tal-Pulizija.**




Kif naħseb li tafu, matul is-sena li għaddiet konna bdejna skema ta' taħriġ li dak iż-żmien kienu indirizzati għal dawk il-membri tal-Korp li kienu stazzjonati fit-taqsima Mobbli u dawk tal-Control Room. Ftit taż-żmien wara dan it-taħriġ kien ġie estiż għal dawk il-membri li jaħdmu fuq il-beat.

Issa, bi pjaċir kbir irrid ngħid li fl-ewwel xhur ta' din is-sena (2008) dan it-taħriġ ġie estiż ukoll għal dawk il-membri li huma stazzjonati fl-Uffiċini u f'dawk l-iskwadri speċjali li qabel ma kienux jipparteċipaw f'dan it-taħriġ.

B'hekk issa nistgħu ngħidu li llum il-membri kollha tal-Korp qed jattendu regolarment għal taħriġ fl-Akkademja għal ta' lanqas darbtejn kull xahar. Ir-riżultat hu li matul is-sena li għaddiet il-membri tal-Korp bejniethom attendew għal 13,518 darba għal-taħriġ fl-Akkademja. Issa, li l-membri kollha huma mistennija li jattendu, dan in-numru ta' attendenza mistenni li jikber bil-bosta. Sa' l-aħħar ta' Marzu, 2008, kellna 5,222 attendenza.

Matul ix-xhur ta' Ġunju u Lulju tas-sena 2007 ħafna mill-membri tal-Korp attendew għal taħriġ dwar l-użu tal-pepper spray. B'riżultat ta' hekk il-membri tal-Korp fil-maġoranza tagħhom ġew provduti bil-pepper spray *canisters*.

Fiż-żmien qasir il-kumplament tal-membri tal-Korp ser jattendu għal dan it-taħriġ ukoll. B'hekk kulħadd ser jiġi mgħoti l-*canister* tal-pepper spray.

Matul ix-xhur ta' April u Mejju, 2008 fl-Akkademja organizzajna taħriġ dwar l-użu tat-*Taser* mill-membri tal-Korp. Għal min ma jafx x'inhu t-*Taser*, dan l-apparat fl-għamla tiegħu jixbaħ ħafna ir-*revolver*, hu apparat li meta jiġi sparat jitfa' ammont ta' enerġija elettrika li għal ftit mumenti jipparalizza l-persuna jew anke xi annimal li jkun qiegħed jaġixxi b'mod aggressiv.

Dan l-apparat hu wkoll għodda mportanti li l-membri tal-Korp ikollhom għad-dispożizzjoni tagħhom. Żgur li l-quddiem it-*Taser* ser jiġi apprezzat ħafna għax jagħti serħan tal-moħħ lil kull membru tal-Korp. Skond statistika maħruġa minn Korpi tal-Pulizija ta' barra minn Malta fejn it-*Taser* ġa qed jintuża, dan l-apparat naqqas drastikament in-numru ta' mwiet waqt konfronti mal-Pulizija u fl-istess ħin kabbar ħafna s-suċċessi tal-Pulizija meta minħabba n-natura tax-xogħol tagħhom jkollom jiffaċċjaw nies vjolenti.

Irrid jingħad li kemm it-*Taser* kif ukoll il-*pepper spray* huma tagħmir importanti għall-użu mill-membri tal-Korp għax issa ser ikollhom il-mezzi li jikkontrollaw persuni vjolenti bl-anqas ħsara possibbli kemm fuq il-persuna tagħhom kif ukoll dik ta' l-aggressur.

Iżda nagħti parir lil kull membru tal-Korp sabiex meta jiġu biex jiddeċiedu jekk jirikorux għall-użu tal-*pepper spray* jew it-*Taser*, ħadd ma għandu jinjora dik il-linja ta' bilanċ bejn aggressjoni ta' l-aggressur u r-reazzjoni tal-membri tal-Korp.

Sa ftit taż-żmien ilu konna naħsbu li kemm il-*pepper spray* kif ukoll it-*Taser* u tagħmir ieħor personali oħra kienu riservati biss għall-Pulizija ta' barra minn Malta, għax f'Malta dawn ma kellhomx ċans li jidħlu. Issa dan it-tagħmir qiegħed għandna ukoll. Nerġa' ngħid użawhom bil-għaqal u bi prudenza.

Matul ix-xahar ta' Awissu 2007 ingħata taħriġ dwar ix-Schengen li issa nafu li dan l-arranġament bejn stati differenti tal-pajjiżi ta' l-Unjoni Ewropea ġie fis-seħħ matul ix-xahar ta' April ta' din is-sena.

Nixtieq insemmi wkoll li mill-aħħar artiklu tiegħi fl-Akkademja kellna żewġ reklutaġġi ġodda oħra. Wieħed ta' mija u erba' u l-ieħor ta' sitta u ħamsin.

Kellna ukoll numru sabiħ ta' promozzjoni-





jiet għar-rank ta' Surġent kif ukoll numru ieħor sabiħ ta' sitta u għoxrin għal Spettur.

Kulħadd huwa konxju għal fatt li l-Akkademja issa saret żgħira wisq għall-attivita' organizzata fiha. Biżżejjed wieħed isemmi l-problema ta' parking li jkollna kuljum minħabba n-numru kbir ta' pulizija li jattendu għat-taħriġ.

Ngħid għalija kien ta' ferħ u pjaċir meta waqt id-diskors ta' l-estimi finanzjarji għas- sena 2008, il-Gvern filwaqt li qal li kien jaf bit-taħriġ li qed isir, kien konxju li l-Akkademja ma kienitx għada posta fil-Fortizza Sant'Iermu u ħabbar li l-Gvern kien ser jibni Akkademja ġdida li għanda tkun aktar moderna u li tilħaq il-ħtiġijiet tal-Korp fejn jirrigwardja taħriġ u tagħlim.

Nawguraw li fiż-żmien qarib naraw dan il-proġett jieħu l-forma tiegħu.

Bl-għajnuna ta' Alla ser inkomplu bl-isforzi tagħna sabiex bit-tagħlim inkomplu nikkontribwixxu biex ngħollu l-livell kemm tal-membri kif ukoll tal-Korp innifsu li żgur jgħin fis-suċċessi kontra l-kriminalita' li ksibna matul dawn l-aħħar snin.

Domine Dirige Nos

Saħħa





FIRE TECH LIMITED

99, Triq Il-Mithna, Qormi QRM3100, Tel: 21 447 718. Email: info@firetech.com.mt
www.firetech.com.mt

# L-Immunità Ekkleżjastika f'Malta

PC 931 Carmel Zarb

**Immaġinaw lilkom infuskom qegħdin tiġru wara xi ħalliel jew qattiel u hekk kif tkunu ser taqbduh, dan l-individwu jilħaq jasal sa ħdejn xi knisja, u malli jirfes fiha, ikollkom tibqgħu b'xiber imnieħer. Din kienet is-sitwazzjoni ta' dawk li kienu jżommu l-ordni f'pajjiżna bl-introduzzjoni ta' l-immunita ekkleżjastika f'Malta.**

Nisthajilkhom qegħdin tistaqsu din x'biċċa hi?

X'jiġifieri l-ġustizzja ta' dak iż-żmien ma setgħetx tarresta ndividwi li jkunu ħadu kenn ġewwa knisja?

U x'kienet eżatt din l-immunita'?

Qabel ma naraw x'kienet din il-liġi, wieħed irid iħares bil-lenti ta' dak iż-żmien u jifhem li f'Malta kien hawn tliet awtoritajiet reliġjużi differenti li kienu lesti biex jaqbħu fuq xulxin għal kull ħaġa ta' xejn. Dawn kienu l-ordni tal-Kavallieri li kienu jaħkmu fuq il-poplu l-Isqof li kien jirrapreżenta l-knisja f'Malta; u l-inkwiżitur li kien jidħol f'isem il-Papa.

Dawn it-tliet awtoritajiet kellhom il-Qorti u l-ħabs tagħhom, kif ukoll diversi rikkezzi u propjetajiet bħal bini, artijiet, nies impjegati magħhom, nies privileġjati u aktar. U biex tkompli taqgħad il-biċċa, il-Papa kien għamel ftehim mar-renjanti li bih l-awtorita' ċivili ma setgħetx tixli lil xi persuna membru tal-knisja jew li b'xi mod jew ieħor kien assoċjat magħha.

B'hekk kien hemm bosta Maltin, fosthom anke nies miżżewġa, li biex jeħilsu mid-dmirijiet u l-obbligi ċivili daħlu kleriċi minuri, jiġifieri bħal qassisin li ma jamministrawx is-sagrament. U ma dawn trid iżżid ukoll is-sagristani li kienu wkoll igawdu minn din l-immunita', dejjem jekk il-knisja li kienu jieħdu ħsieb kien isir fiha ta' l-anqas żewġ quddisiet fil-ġimgħa.

Iżda dan kollu ma kienx biżżejjed. Il-knisja ta' Ruma kompliet tespandi l-kunċett ta' l-immunita fejn ordnat illi dawk kollha li jkunu jinsabu batuti u maħqura, kif ukoll dawk li kienu jinsabu maħruba minn idejn il-liġi, mill-ħabsijiet,




xwieni, skjavitu' u sitwazzjonijiet oħra simili, setgħu jieħdu protezzjoni f'art jew f'bini tal-knisja, inklużi l-knejjes, kunventi u sptarijiet. In-nies tal-liġi ma setgħux jidħlu għalihom u lanqas ma setgħu jinħarġu bil-forza mill-awtoritajiet ta' l-istess knisja.

Issa hawn wieħed irid jgħid li bħala prinċipju din l-idea ma kinitx waħda ħażina. Il-knisja kellha f'moħħha biss li tipproteġi lil dawk kollha li b'mod ġenwin kienu jinsabu maħqura mis-sidien tagħhom. Ma ninsewx li dak kien żmien fejn għal kull ħaġa ta' xejn kont issib ruħek mixli quddiem l-awtoritajiet u mitfuħ f'qiegħ ta' ċella, ittorturat jew saħansitra ikkundanat għal-mewt.

Iżda ġara li f'dawn il-postijiet mhux in-nies batuti u maħqura biss bdew imorru jieħdu kenn, iżda wkoll qattiela, ħallelin u kriminali oħra li biex jeħilsu minn idejn il-ġustizzja li bdew jagħmlu bħal bqija u jidħlu fil-knejjes jew kappelli li kien hawn imxerda madwar Malta u Għawdex li f'dak iż-żmien kienu jammontaw għal madwar 327 post. Bla dubju ta' xejn dan il-fatt ġab inkonvenjenza kbira fil-pajjiż fejn kulħadd spiċċa jagħmel dak li jrid u ma jeħel xejn.

Ftit taż-żmien wara kien hemm xi Papiet li ppruvaw isibu mezz sabiex isolvu din il-problema u illimitaw din il-liġi. Iżda xorta waħda baqgħa ħafna diżgwid bejn it-tliet awtoritajiet u mhux l-ewwel darba li l-Kavallieri kissru l-immunita' biex jarrestaw lil xi persuna mfittxija. Insibu wkoll li l-isptar ta' l-Ordni li hemm ftit passi 'l bogħod mill-Forti ta' Sant Iermu kien ukoll igawdi minn din l-immunita' ħlief f'każi ta' qtil.

Fis-sena 1759 il-Gran Mastru Pinto bi qbil ma l-inkwiżitur Passionei informa lill-Papa li l-kriminali li kien hemm fil-knejjes kienu qed ikunu ta' xkiel għal-liġi u d-delitti kull ma jmorru aktar kienu qegħdin jiżdiedu. Pinto ssuġġerixxa li l-immunita' għandha tibqa' biss f'dawk il-knejjes li kien hemm is-Sagrament fihom. Il-Papa qabel ma dan il-ħsieb ta' Pinto u kien ordna lill-Isqof Rull biex javża lill-kriminali li kellhom tlitt ijiem żmien biex jitilqu mill-knejjes, inkella kienu ser jintbatu l-ħabs ta' l-Isqof.

Fl-1761 l-Isqof, fuq struzzjonijiet minn Ruma ordna li tittwaħħal plakka ta' l-injam bil-kliem "non gode..." u għamel ukoll 240 awiż fuq il-karti bil-kliem Non Gode l-Immunita Ecclesiastica biex jitwaħlu mal-postijiet li kienu tilfu dan id-dritt. Iżda kienu nqalgħu xi ntoppi ġodda u spiċċaw biex mad-90 post biss tilfu dan il-privileġġ.

Fl-1777 il-Papa Piju VI kompla jissika l-immunita u l-maġistrat ingħata dritt li jarresta individwi waqt ir-refuġju, basta dan ikollu l-kunsens ta' l-Isqof. Fil-waqt li l-kriminali kollha ġew esklużi għal kollox, il-Franċiżi abbolixxew għal kollox din il-liġi u aktar tard l-Ingliżi komplew fuq il-passi tal-Franċiżi, iżda taw iċ-ċans lill-Isqof li jgħaddi lir-refuġjati hu lil awtoritajiet ċivili qabel ma jinħarġu bil-forza.

*Nispera li dan it-tagħrif sibtuh ta' interess u nil-taqgħu f'ħarġa oħra ta' din ir-rivista Il-Pulizija.*



Nhar l-14 ta' Marzu, 2008 infetħet is-sbatax-il Wirja tal-Ġimgħa Mqaddsa. Fl-1992 bdew l-ewwel arranġamenti biex tibda ssir din il-Wirja u għall-bidu kienet issir fejn illum hemm il-Mużew tal-Pulizija. Wara ftit żmien il-Wirja bdiet issir fil-Vilhena Hall, sala li l-atmosfera tagħha tkompli ddaħħal lil persuni li jżuruha fl-ispirtu tal-Ġimgħa Imqaddsa.

# Is-Sbatax-il Wirja tal-Ġimgħa Mqaddsa - 2008











Il-Wirja annwali li tittella' fi żmien ir-Randan, kull sena qed tiġbed aktar u aktar nies iżuruha u saret appuntament annwali li ħafna familji Maltin ma jitilfux. Id-displays kollha li jittellgħu f'din il-Wirja huma frott ix-xogħol u t-talent kbir li għandhom il-kollegi tagħna, is-Surġent 538 Mario Ebejer u l-Kuntistabbli 911 Mario Muscat u 685 Daniel Scerri. Bis-saħħa tagħhom, l-għajnuna mill-Kummissarju tal-Pulizija u fl-aħħar u mhux l-inqas bil-barka tal-Mulej din il-Wirja tkun dejjem suċċess.

Din il-Wirja toffri opportunita' lill-pubbliku in ġenerali li jara li l-Pulizija mhumiex biss dawk l-individwi li jagħtu ċ-ċitazzjonijiet jew li jtellgħu n-nies il-Qorti minħabba li jkunu kissru l-liġijiet. Iżda, jaraw kif barra mid-doveri mgħotija lilhom mil-liġi huma kapaċi għall-affarijiet barra mill-paramentri legali. Din l-attivita' tagħti ukoll l-opportunita' lil dawk il-Pulizija li forsi l-Kwartieri Ġenerali ma hijiex daqshekk favorita' magħhom, pero jiġu jżuruha biex jaraw x'talenti nsibu fil-Korp tal-Pulizija.

Il-Wirja infetħet fil-preżenza tal-Ministru għall-Ġustizzja u l-Intern, Dr Carm Mifsud Bonniċi, il-Kummissarju tal-Pulizija, is-Sur John Rizzo, il-Kappillan tal-Korp, Fr Raymond Bonniċi u l-ko-ordinatur tal-Wirja s-Supretendent Raymond Vella Gregory. Fr Bonniċi fetaħ il-Wirja b'talba fejn radd ħajr lil kull min iżur il-Wirja imtella' mill-Korp tal-Pulizija, imbagħad kompla billi bierek kemm l-esibizzjonijiet kif ukoll lil kull min kien hemm preżenti.

Il-Kummissarju, f'diskors informali semma kif f'dawn l-aħħar sbatax-il sena l-Wirja evolviet u saret waħda mill-aqwa li hawn Malta, li tinkorpora fiha bosta esibizzjonijiet fosthom il-kwadri maħduma bil-melħ u d-displays maħdumin minn affarijiet reċiklati, li dejjem jkunu l-favoriti mal-viżitaturi. Is-Sur Rizzo kompla jsemmi kif din hi l-unika ċelebrazzjoni li aħna bħala Pulizija niċċelebraw flimkien mal-poplu Malti fejn nistiednu lill-pubbliku in ġenerali biex jiċċelebra din il-festa magħna billi nistiednuhom fil-Kwartieri Ġenerali. Hu kompla jgħid li peress li s-soltu il-festi jfissru biss aktar xogħol u xi reinforce għall-Pulizija, din hija waħda mill-ftit okkażżjonijiet fejn nuru li aħna barra li aħna Pulizija aħna persuni bil-passatempi u l-interessi tagħna. Is-Sur Rizzo kompla billi semma kif dis-sena l-






arraġamenti għall-wirja kienu ta' qtigħ il-qalb peress għal bosta raġunijiet fosthom il-preparamenti għall-elezzjoni ġenerali kif ukoll għall-fatt li l-Kuntistabbli 852 Pierre Buġeja, li fis-snin li għaddew kellu sehem attiv f'din il-wirja annwali, spiċċa mis-servizz. Iżda, bl-intorduzzjoni tal-Kuntistabbli Daniel Scerri fit-team setgħat tittella' l-Wirja kif rajniha f'Marzu li għadda. Il-Kummissarju tal-Pulizija għalaq id-diskors tiegħu billi rringrazzja lill-kontributuri.



Il-Ministru Dr Carm Mifsud Bonniċi LLD fetaħ id-diskors tiegħu billi rringrazzja lil Pulizija kollha tax-xogħol li għamlu matul il-preparazzjonijiet kif ukoll fil-jiem ta' l-elezzjoni ġenerali. Bis-saħħa tal-ħidma tal-Korp tal-Pulizija l-ordni, il-paċi pubblika u d-dixxiplina rrenjaw waqt l-kampanja kollha. Dr Mifsud Bonniċi faħħar il-Wirja u ammira l-flessibbilita' tal-membri tal-Korp.

Iċ-ċerimonja kompliet bis-Supretendent Raymond Vella Gregory jispejga lil viżitaturi l-lat reliġjuz, b'dettalji Bibbliċi tal-Wirja tal-Ġimgħa Mqaddsa.



# Paġna Sportiva

Supt. Lawrence Cutajar

Fix-xahar ta' Ġunju l-isport li għandu konnessjoni mal-baħar jibda jikkarga, għalhekk ikun xieraq li f'din il-ħarġa tal-Magazine tagħna IL-PULIZIJA nitkellmu dwar dan l-isport, li għalkemm jista' jiġi pprattikat is-sena kollha, bla dubju fis-sajf ikabbar il-popolarita` tiegħu. Dan kollu se nagħmluh billi nitkellmu ma' PC 923 Pierguido Saliba, li huwa advanced diver u anke` instructor ikkwalifikat fl-iScuba Diving.



**Tista' tgħidilna xi ħaġa in konnessjoni mal-karriera tiegħek fil-Pulizija?**
Jiena dħalt fil-Korp tal-Pulizija fit-28 ta' Frar, 2007, u sa issa dejjem ħdimt fit-Tieni Distrett, fejn għadni stazzjonat sal-lum.

**Jiena naf li wieħed mill-passatempi tiegħek huwa l-'iScuba Diving'. Kif bdejt tinteressa ruħek u min ħajrek tibda tipprattika dan l-isport?**
Niftakar li għal ħabta tas-sena 2003 kien ħajjarni nibda dan l-isport is-Surġent 1373 John Micallef, illum Maġġur. Niftakar dan kien ħadni f'wieħed mill-klabbs tad-diving li għandna madwar Malta u hemmhekk l-affarijiet interessawni u ħadt l-ewwel kors. Minn dak iż-żmien ma ħaristx lura u l-affarijiet li t-tagħlim għogbuni ħafna. Bqajt nagħmel kors wara ieħor u llum jiena advanced diver kif ukoll qualified instructor in open waters.

**Fi ftit kliem, x'jikkonsisti eżatt l-isports ta' l-iScuba Diving?**
L-iScuba Diving huwa bħal meta wieħed jgħodos bin-nifs, bid-differenza li peress li jkollok ċertu apparat miegħek tkun tista' ddum taħt l-ilma u tieħu n-nifs.

**Fil-maġġoranza ta' dawk li jipprattikaw dan l-isport, x'inhu l-oġġettiv prinċipali tagħhom?**
L-iScuba Diving jista' jiġi pprattikat għal diversi raġunijiet. Jista' jkun li jiġi pprattikat għal skop ta' sajd, fotografija ta' taħt il-baħar, ammirazzjoni in-ġenerali tal-ħut u qiegħ il-baħar u anke hawn min iħobb jiskopri bastimenti tal-gwerra u oħrajn mgħarrqin fl-ibħra ta' Malta. Hawn ukoll min jagħmel hekk għal skop ta' riċerka u studji xjentifiċi. L-attrazzjoni prinċipali tiegħi hija l-iskoperta ta' vapuri u affarijiet oħra mgħarrqin.

**Meta tgħidilna hekk tkun qiegħed tirreferi għal vapuri tal-gwerra? X'tip ta' bastimenti tiltaqa' magħhom?**
Peress li Malta hija mdawra bil-baħar u kienet involuta sewwa fit-Tieni Gwerra Dinjija, hemm diversi vapuri ta' interess mgħarrqin fl-ibħra ta' madwarna. Barra vapuri tal-gwerra hemm ukoll diversi ajruplani bħal blue fighters u diversi bombers Ġermaniżi u Taljani. Hemm ukoll il-vapur l-'Um El Faroud' li kien involut fit-traġedja tat-Tarzna. Dan qiegħed mgħarraq f'Wied iż-Żurrieq. Wieħed jista' jiltaqa' ukoll ma' diversi patrol boats u tug boats li jiġu mgħarrqa wara li jispiċċa l-użu tagħhom. Il-vantaġġ ta' dan kollu huwa li dawn l-affarijiet kollha jaħdmu bħala artificial reef. Dan ifisser li meta jegħreq xi ħaġa, il-ħajja terġa' tibda fuqu. Fejn ma jkun hemm xejn, jew ramel biss, jerġa' jibda jikber il-ħaxix, koral, ħut differenti u diversi speċji interessanti ta' qiegħ il-baħar.

**Normalment tgħodos waħdek jew bħala grupp?**
Għalkemm tista' tgħodos waħdek, dan mhux rakkomandat. L-aħjar huwa li dejjem tgħodos fi grupp u wieħed għandu jkun dejjem f'pari. Dan l-isport, għalkemm wieħed sabiħ u affaxxinanti, jeħtieġ ċertu responsabbilta` għax għandu wkoll il-perikli tiegħu. Hemm bżonn ċertu ppjanar u miżuri ta' sigurta`, biex jekk tmur xi ħaġa ħażina dejjem tkun ippreparat għal kull eventwalita`. Importanti li dejjem tkun attent u tisma' dak kollu li jgħidulek l-instructors tiegħek, ma tkunx avventuruż iż-żejjed u dejjem ikollok dak l-apparat importanti li jista' jservi f'każ ta' emerġenza.

**In konnessjoni ma' dan l-isport, għandek xi kwalifikazzjonijiet partikolari?**
Jiena kkwalifikat mal-B.S.A.C. (British Sub Acqua Club) u f'din il-kategorija qiegħed Advanced Diver u anke Qualified Instructor in open waters. Fis-sena 2005 irbaħt ukoll il-Qualified Chambers Award, premju prestiġjuż ħafna fil-qasam ta' l-għadds ta' taħt il-baħar.

**Issib ċans tipprattika dan l-isport?**
Qabel ma dħalt fil-Pulizija kont nipprattika dan l-isport erba' siegħat kuljum. Illum, ovvjament diffiċli nagħmel dan imma meta nsib iċ-ċans immur ngħodos.

**L-aħħar mistoqsija. X'parir tagħti lil dawk il-persuni li jitħajru jibdew jipprattikaw dan l-isport?**
Tajjeb li fil-bidu tagħmel Try Dives li jistgħu jsiru ma' diversi klabbs u skejjel tas-sub acqua imxerrdin ma' Malta kollha. Jekk tħossok tajjeb, wieħed għandu jieħu nteress fit-tagħlim u dejjem jagħmel eżatt dak li jiġi mitlub mill-instructors kwalifikati. Wieħed għandu wkoll iżomm ruħu fit għax dan l-isport jitlob ukoll ċertu strapazz u saħħa. L-iScuba Diving huwa sport ferm sabiħ u affaxxinanti u permezz tiegħu tista' ttir..... fil-baħar.

# Kommemorazzjoni ta' l-għoti tal-George Cross lil Malta





**Nhar il-15 ta' April ta' din is-sena ġġeddew ħafna memorji fil-Belt Valletta meta saret re-enactment ta' l-għoti tal-George Cross lil Malta 66 sena ilu, preċiżament fil-15 ta' April, 1942.**

Din ir-re-enactement saret fi Pjazza San Ġorġ u ġiet organizzata mill-Awtorita` Maltija dwar it-Turiżmu. Fil-fatt din l-Awtorita` xi żmien ilu kienet talbet lil Korp sabiex jieħu sehem attiv f'din iċ-ċerimonja. Din it-talba ġiet milqugħa fejn il-Korp tal-Pulizija ħa sehem permezz tal-Gwardja ta' l-Unur taħt it-tmexxija tas-Supretendent Raymond G. Zammit, il-Banda tal-Pulizija taħt it-tmexxija ta' l-Ispettur Anzjan Anthony Cassar, is-Sezzjoni tal-Kavallerija kif ukoll is-Surġent Maġġur Saviour Garcia, PC18 Christian Mifsud, PC1601 David Mifsud u PC1302 Clinton Pace. Il-George Cross inġarr inizjalment minn PC18 Christian Mifsud u wara inġarr mill-Ispettur Anzjan Stephen Mallia sabiex jittieħed fl-Armerija tal-Palazz.



Ħafna kienu n-nies li segwew din iċ-ċerimonja fil-Belt Valletta fosthom numru ta' turisti, speċjalment mir-Renju Unit. Uħud min-nies preżenti fil-fatt kienu għixu fil-perjodu tat-Tieni Gwerra Dinjija għalhekk din kienet ċerimonja speċjali għalihom. Kien unur għal Korp li pparteċipa bis-sħiħ f'din iċ-ċerimonja storika. Proset lil l-membri kollha tal-Korp li pparteċipaw kif ukoll lil Awtorita` Maltija dwar it-Turiżmu għall-inizjattiva tagħha sabiex tiġi organizzata din iċ-ċerimonja.










Introducing the
NEW Aveo 5dr
AVEO
Aveo
MIRA MOTOR SALES LTD
MEMBER OF THE ZAMMIT GROUP OF COMPANIES
Mriehel By-Pass, Mriehel BKR 3000 Tel: 2278 1278 Fax: 2148 0150 Email: chevy@zamgroup.com
www.chevrolet.com.mt
CHEVROLET


Reliable SECURITY only comes
from the SPECIALISTS
Technological
developments pioneered by
DEDICATED MICROS
have formed the building blocks for
the success of today's CCTV Industry.
Those building blocks form the core architecture of
DM's Networked Server Products. When you choose
a DM product you buy DM's fundamental
design philosophies.
WWW.dedicatedmicros.com
BLB 017 Bulebel Industrial Estate, Żejtun ZTN 3000 • Fax: 21 449 170 • E-mail: sales@dmicros.com.mt • For more information call
WINNER
IFSEC
SECURITY INDUSTRY AWARDS
2·0·0·1
WINNER
IFSEC
SECURITY INDUSTRY AWARDS
WINNER
2·0·0·2
DEDICATED MICROS
Tel: 21 483 673













**G & P Borg Ltd. has become one of the leading companies in Malta. Specialized services within the building industry, which include:**

- Construction
- Civil Engineering
- Turnkey Projects
- Construction Cost Consultancy
- Quantity Surveyors
- Manufacturing of Hollow Concrete Blocks
- Ready Mixed Concrete
- Ready Mix Trucks
- Heavy Machinery Services
- Concrete Pump
- Variety of Tonnage Cranes

GP BORG

**G & P Borg Ltd.** Conscarm, Triq Tal-Ibrag, l-Ibragg STJ03 Malta
**Tel:** 2137 4179, 2137 6961, 2138 2028, 2138 2034
**Fax:** 2138 1971 **Mob:** 9949 7622, 99478521

**Our vision:** "Aspiring to be an international benchmark for customer centric and cost efficient Total Logistic Solutions."

Emmanuel Vella & Sons LIMITED
www.emmvs.com

EXPRESS TRAILERS
www.expresstrailers.com
BVQI ISO 9001
hhgfaa

EXPRESS FREIGHTS
www.expresstrailers.com
BVQI ISO 9001

Eyre Travel Ltd
www.eyretravelmalta.com
hhgfaa



***Entrusted carriers of the Euro Currency for the € changeover***

VELBRO HOUSE, QORMI ROAD, LUQA LQA 9040, MALTA
Tel: +356 21242311

# International Police Association

Ex. Inspector Dione Bugeja, International Police Association - National Treasurer

## 44th Anniversary Activities:

As we have been informing you for the past months, to celebrate our Anniversary since Section Malta was accepted as a full member of our Association, the Executive Committee organised a number of activities for which every member was invited to join in and participate.

On the **25th April** we opened our activities by organising a group of volunteers, who lead by Fr. Ray Bonnici and Supt Ray Zammit they all met at the **Blood Bank at St. Luke's hospital.** We are pleased to inform you that this year, thanks to the assistance given to us by our friend Sergeant Norman Xuereb, we managed to group up forty one members and this gave the committee great satisfaction. As the group waited to fill in the necessary paper and go through the preliminary tests, Fr. Raymond thanked all those present on behalf of the Fr. Ray thanking the group at the waiting room of the Blood Bank



Fr. Ray thanking the group at the blood bank waiting room.

Executive Committee and the Corps for responding to our invitation and called to effect this donation and noble gesture toward our community. Before concluding with a small prayer, Fr. Ray remarked that no one knew who was going to benefit from this donation; however what we were giving today we might need it ourselves or our relative's to-morrow. Proset to all those involved for this good cause.

**On Sunday 27th April, a Thanks Given Mass** was held at Police Headquarters at 9a.m. concelebrated by our executive committee member Rev. Fr. Ray Bonnici. During the short sermon after the gospel Fr. Ray made reference to IPA Malta Section anniversary, basing his few words on our motto 'Serving through Friendship' comparing it with the *'Carita Christiana'*, between us.



After Mass members of the Executive Committee together with a number of members, met at the **Soldi Restaurant Mgarr** (Malta), for the Anniversary Sunday lunch. Food was good and in abundance and our wives were more than pleased to be granted a day's off away from the kitchen routine.



**Newspaper's article:** Before the anniversary week, a write up about our Association and the 44th Anniversary was distributed to the four leading daily newspapers The Times of Malta, In-Nazzjon, The Independent and Il-Orizzont. The Times published our article on the 30th April, while In-Nazzjon and the Independent on the 1st May. This article turned out to be very effective and gave our Association that needed exposure, even within the Police Force.



**Meeting the Archbishop:** On the day of our Anniversary the 30th April, at 17.00hrs the Executive Committee called upon His Grace the Archbishop of Malta Mons. Pawl Cremona at his residence at Attard for a cordial meeting. Upon our arrival the committee was greeted by His Grace who after the presentation invited the group to move into his study, where we all set around him. During the visit which took over half an hour, His Grace showed great interest to know more about IPA and the work being performed by our Association through out the world. Due to the article which appeared on The Times in the morning, His Grace kept referring to what he read, asking for more information. He was particular interested to know more about our voluntary work and how we co-ordinate with our colleagues world-wide. Before leaving a commemorative photo was taken with His Grace followed by the presentation of a small donation for the community fund. Committee member Fr. Ray Bonnici was also present; however he volunteered to take the photograph.


M&A
SUPPLIERS OF DIVING EQUIPMENT
AQUA LUNG
FIRST TO DIVE
seaQuest
iQ
McNETT
CORPORATION
technisub
Sea Pearls
BAUER COMPRESSORS
It's Steel, It must be Faber
PADI
FA&Mi
PROFESSIONAL DIVING TORCHES
TUSA
Luxfer
Gas Cylinders
Casfen Court, Sir Luigi Preziosi Street,
Bugibba SPB 12 - MALTA
Tel: (+356) 21 585 065 Fax: (+356) 21 585 064
Email: shaun@mandamalta.com
www.mandamalta.com


surface electric pumps
MCE LIMITED
Your Guarantee to Quality Products
MCE House | Triq L-Industrija | Qormi | tel: 2148 6213, 2144 1275 | fax: 2148 6184
email: sales@mcemalta.com | www.mcemalta.com
Quality Management System
MSA
MSA EN ISO 9001:2000
Reg. No. S008





To conclude our activities in connection with our anniversary on Saturday 3rd May a small group of volunteers called at the Ursuline Sisters, Angela House at Gwardamangia to conduct Community work. Upon 'signing' in with the Sisters we were given the task to clean up a large quantity of ceramic tiles, from cement deposit attached, after these tiles had just been removed from where these were wrongly laid. The task was not an easy one and production only started moving at a steady speed after we managed to organise ourselves by working in pairs and obtaining the right tools. We kept working during the entire morning until the area where we were working was hit by the sun just before twelve noon. Since continuing was rather difficult and we were getting tired, we just dusted ourselves a bit and before leaving we offered the sister a big cake for the children kindly donated to us by the Management of the **Phoenicia Hotel – Malta.**

**IPA Mediterranean Regional meeting:** After an invitation received from Section Italy for two delegates to attend for the IPA 10th Mediterranean Regional meeting, being held in Jesolo near Venice between the 12th and 15th June 2008, Dione Bugeja and Fr. Ray Bonnici decided to attend for this meeting. Participating for such meetings with our regional friends is very important since Section Malta needs to continue giving its contribution during such meetings while remaining in constant contact with our neighbouring sections. Upon arrival at Mestre late in the evening, after a flight to Bologna and a two hours train journey, our colleagues were greeted by a welcome party who took them to Jesolo - Vienna Hotel. On Friday the entire group was taken for a visit to Venice and delegate had the opportunity to meet and talk on different subjects including the agenda for the following day. For this meeting Section Malta presented two motions

1) How these meetings can be more productive and beneficial for the participating Section and
2) The credit style ID card Malta intends to adopt next year.

On Saturday the meeting started just before 9a.m. and after the welcome speech by the IP Michael Odysseus, he suggested that Dione Bugeja be appointed secretary for the meeting, conjointly with Ms. Laura of the Italian section. Proposal was unanimously approved and Dione was invited to move to the head table. The meeting as usual was conducted in a very friendly atmosphere and at the end token were exchanged between the delegates and the Italian host section. As a whole it was a positive meeting and when Section Malta presented its ID card proposal, there was a discussion and in principle it was accepted by most of the delegates. It is to be noted that although our delegates represented our Section in Jesolo, they still had to cover their own travelling costs, since our budget does not permit such expenditure. Unfortunately there are times when our Section has to be excused from attending either due to high travelling costs or the individual financial limitations.



**Malta Eight Pointed Cross IPA lapel badge:** After a number of requests during the past years to produce a local IPA lapel badge, we are pleased to inform you that this year, to commemorate our anniversary, we have managed to produce the first IPA lapel badge for Malta Section. As a committee we believe that the new product is very elegant both in appearance and in size and we are sure that it will make every local member proud to wear it on. As you can see Malta name was not included since we are confident, that in general, everyone knows that the Eight Pointed Cross of the Knights of St. John, is connected directly to Malta, and this is recognised worldwide. Wherever it is possible we intend to project this product with pride both locally and internationally. Since at the beginning we had our doubts about the final product, the first order made was rather limited. Anyone wishing to obtain this elegant lapel badge can do so by calling at the IPA office. The cost for this badge is only 3 euro just to cover the expenses. It is an ideal token to give away to friends and it will pair very well with the Eight Pointed Cross 'Euro One'.



Our thanks go to Joe Borda and the team who worked on this project.

Regards
The Executive Committee.

# Għaqda Pulizija Pensjonanti

Ex Spettur A. Debattista - Assistent Segretarju u PRO ta' l-Għaqda Pulizija Pensjonanti

## Laqgħa Ġenerali Annwali 2008

Nhar il-Ħadd, 18 ta' Mejju 2008, fiċ-Ċentru ta' l-Assoċjazzjonijiet tal-Pulizija, il-Menqa (Marsa) saret il-Laqgħa Ġenerali Annwali ta' l-Għaqda Pulizija Pensjonanti li għaliha attendew 70 membru. Wara t-talba u kelmtejn ta' merħba mill-President attwali Joseph M. Azzopardi, inqraw il-Minuti ta' l-aħħar Laqgħa Ġenerali u r-Rapport Amministrattiv mis-Segretarju Ġenerali Louis Muscat, kif ukoll ir-Rapport Finanzjarju mit-Teżorier attwali Joe Calleja.

Kemm waqt il-qari tar-Rapporti kif ukoll fil-ħin allokat għal mistoqsijiet u suġġerimenti, saru bosta interventi mill-membri preżenti li ġew imwieġba u spjegati mill-uffiċjali inkarigati tal-Kunsill.
Kien hemm kontestazzjonijiet li rrizultaw f'bidla tal-President, kif ukoll fil-kariga ta' Teżorier (Joe Calleja irtira n-nominazzjoni tiegħu qabel bdiet il-votazzjoni). Alfred Debattista ma kkontestax din l-elezzjoni.
Wara li saret il-votazzjoni, dawk il-membri li jew kienu ikkonfermati f'karigi jew li ġew eletti, kienu dawn :

**President:** Charles Curmi (27 vot) **Viċi-President:** Chev. Vincent Zahra (mhux ikkontestat)

**Segretarju Ġen:** Louis Muscat (mhux ikkontestat) **Teżorier: Tony Gatt** (mhux ikkontestat)

**Membri:** Joe Borda (58 vot). Joe Caruana (58 vot). Charles Caruana. (52 vot). Emle. Caruana (51 vot). Albert Polidano (50 vot) Alfred Lia (49 vot) Publius Cutajar ...(48 vot). Joe Galea ( 46 vot)






# Sunday Lunch Ta' Soldi Mġarr - 4 ta' Mejju, 2008

Nhar il-Ħadd, 4 ta' Mejju 2008, fir-Restaurant 'Ta' Soldi' , Mġarr, il-Kunsill ta' l-Għaqda organizza **Sunday Lunch**, li għalih, bejn membri, familjari u ħbieb, attendew xejn inqas minn 220 persuna.

Minbarra l-atmosfera sabiħa f'dan il-post ferm popolari, kellna għażla vasta ta' ikel għal gosti ta' kulħadd. Waqt din l-ikla ġie wkoll organizzat Raffle bil-premjijiet ikunu hamper sabiħ ġentilment mgħoti lilna minn Dr. Anġlu Farruġia, li huwa l-Konsulent Legali ta' l-Għaqda, kif ukoll Gatteau u Free Pizza għal żewġ koppji li ġew mogħtija lilna mill-Management tal-post. M'hemmx dubju li din l-attivita', li tkun tant mistennija mill-membri ta' l-Għaqda, kienet suċċess.







**BATHROOM CENTRE**
435, St. Joseph High Road,
St. Venera.
T: 2144 0202 | 2144 9641
F: 21482849
E: carini@maltanet.net

CARINI STORES LTD.

# Piscopo Gardens Ltd.
## Burmarrad



*Do you love plants & gardening? Visit us for a wide range of plants, shrubs, pots, pet food, etc*

Burmarrad Road,
Burmarrad
Tel: 21 583755
Mob: 9949 2928
Fax: 21 584340
E-mail:
piscopog@maltanet.net



# Andrew Vassallo
GENERAL TRADING
ALUMINIUM & STEEL FABRICATION WORKS



*Specialising in:-*
- *Bollards*
- *Water Gutters*
- *Manhole Covers*
- *Raised Flooring*
- *Garden Furniture*
- *All types of staircases*



## New In The Market

*Supplier of stainless steel gullies and gutters suitable for domestic and industrial use, food processing plants, also chemical and pharmaceutical industries.*



Polymer Concrete Channel



Domestic Channel



Industrial Channel









**Tel: 21 692917 • Fax: 21 660357 • Mob: 7949 4438 • Email: info@andrewvassallo.com • Website: www.andrewvassallo.com**


fgp
The Garage Door People
INSULATED OVERHEAD SECTIONAL DOORS
Remote Control Available
FGP Ltd. 49, Valletta Road Luqa, LQA 06
Tel: 21667107/8 21673627 Fax: 21675384
Email: sales@fgp.com.mt
Web: www.fgp.com.mt


PowerPlan Ltd. is one of the providers of equipment, systems and services related to the petroleum industry.
PowerPlan Ltd. has the ability to offer all related equipment ranging from design to supply for new build of service stations as well as for upgrades of existing ones.
The Company has earned the local representation of leading international suppliers in this specialised field.
TOTAL
Company Activities:
• Supply of Lubricants.
• Storage of petroleum products.
• Consultancy to the petroleum industry.
• Dealing in crude of refined petroleum products.
• Upgrading existing and building of new petrol filling stations.
POWER PLAN LIMITED
Trade enquiries:-
TEL: (356) 21499750 FAX: (356) 21448702
E-mail: info@powerplanltd.com


The name you can build on
GMF
MANUFACTURES OF PRE-STRESSED CONCRETE SLABS FOR ALL TYPES OF CONSTRUCTION
235mm for spans up to 10 metres
250mm for spans up to 11 metres
330mm for spans up to 14metres
350mm for spans up to 14metres
370mm for spans up to 14 metres
400mm for spans up to 18metres
425mm for spans up to 18metres
450mm for spans up to 18metres
470mm for spans up to 18metres
500mm for spans up to 18metres
525mm for spans up to 18metres
Triq Il-Fortizza Tal-Mosta
Tas Salini
Triq Ta' Alla w Ommu
G.M.F. PRECAST Ltd.
Substation
E-mail: gmf@maltanet.net
Triq St Marija
GMF
PRECAST LTD.
St. Mary Street, Maghtab, Malta. Tel: 2143 4682. Fax: 2143 7419
Mob: 9943 7538

# IMGĦODDI

Fil-ħarsa li qegħdin nagħtu lejn tagħrif u attivitajiet ta' l-imgħoddi, illum ser nagħtukom l-ewwel parti ta' artiklu nteressant , kitba tal- eks Spettur H.V. Soler, dwar il-Korp tal-Pulizija Maltija, li kien ġie ippubblikat f'ħarġa tal-Magazine ta' **'The Royal Irish Constabulary fl-1912.**

Dan it-tagħrif ipprovdihulna seħibna Joe Borda.

**Malta and its Police**

The Maltese Islands form a group in the Mediterranean Sea, distant from the nearest point of Sicily by about sixty miles and, from the Africa mainland by about two hundred miles. The largest of the group, Malta, is seventeen miles in length by nine miles in breadth and has an area of nearly ninety-two square miles. Its chief city, Valletta, is situated on a high promontory overlooking what is considered to be one of the finest natural harbours in the world. Over fifty men-of-war, in addition to a large number of merchant and other vessels, have ridden at anchor in its shelter. The population of Valletta is sixty thousand and that of the whole group of islands two hundred and eighty thousand.

Malta is a regular port of call of steamers either eastward or westward bound. It is also the base of the Mediterranean fleet and has extensive arsenals and dockyards capable of undertaking any work whatsoever its magnitude. A large number of the population are engaged in connection with the trade of Valletta as a coaling station and an entrepot. The Islands are highly cultivated and the soil is very productive. Oranges, figs and other varieties of fruit are abundant. The climate is equable and healthy, especially in winter.

The Maltese Islands were, in turn, under the dominion of the Romans, Carthaginians, Greeks and, finally, the Saracens, the latter being driven away by Count Roger the Norman. It was during the Roman occupation that the Shipwreck of St. Paul took place. The Emperor Charles V granted Malta to the Order of the Knights of St. John of Jerusalem who held it for more than two centuries. In 1798 the Grand Master capitulated to Napoleon Bonaparte, who dispersed the Order. The Maltese, however, rose in rebellion against the French and drove them to take refuge in the towns where they were closely blockaded by a British fleet under Lord Nelson, for two years, when they finally capitulated to the British and, by the Treaty of Paris 1814, the islands were annexed to the British Crown.

The Government of Malta, as at present constituted, is vested in the hands of a Governor, usually a distinguished general, assisted by an Executive and Legislative Council, the latter elected by the people.

The Maltese Police are nearly all of Maltese extraction. The force consists of one Superintendent, ranking as Lieutenant Colonel, one Senior Assistant Superintendent, ranking as Major, four Assistant Superintendents, ranking as Captains fourteen Inspectors, ranking as Lieutenants, sixteen Sub-Inspectors, ranking as Second Lieutenants eighty Sergeants and about five hundred Constables. The majority of the Constables are drawn from the artisan class, whilst not a few have served in the Royal Malta Artillery or the Malta Militia as junior non-commissioned officers. They have, in most cases, a fair knowledge of English or Italian - sometimes both - besides, of course, their own native tongue.

Recruits are taken on as vacancies occur. They must be between eighteen and twenty-four years of age, five feet eight inches in height and of good physique. Preference is given to those having knowledge of both English and Italian and to bachelors over married men. The enlistment is for a period of two years and men cannot resign within that period without the special permission of the Superintendent. Recruits are on probation for a period of six months during which time they are instructed in all branches of their work and are occasionally put on beat duty. The pay is one shilling and sixpence per diem for the first month and one shilling and eight pence for the succeeding five months.

---

*(to be continued)*

***NOTA:*** *Peress li ma kkontestajtx l-aħħar elezzjoni, m'għadnijx nifforma parti mill-Kumsill ta' l-Għaqda. Għalhekk dan huwa l-aħħar kontribut tiegħi f'dawn il-paġni – li ili nagħmel għal tant snin. Nirringrazzjakom ta' l-interess li dejjem urejtu f'din il-kitba tiegħi u nawgura lil min ġej warajja li jkollu l-istess appoġġ u suċċess. -* ***Alfred Debattista.***



Ex. Ps 658 Raymond Vella
1958 – 2007
1979 - 1996



Ex. Ps 357 Carmelo Xuereb
1926 – 2008
1949 - 1975



Ex. Pc 8 Joseph Massa
1946 – 2008
1964 - 1990

# Agħtihom, O Mulej il-Mistrieħ ta' Dejjem



Ex. Ps 788 Frederick Saywell
1925 – 2008
1951 - 1978



Ex. Pc 549 Angelo Sammut
1917 - 2008
1943 - 1967



Ex. Pc 870 John Stellini
1925 - 2007
1952 – 1968



2/SM 589 John Camilleri
1927 – 2008
1954 – 1977



Ex. Ps 927 Grazju Dalli
1934 – 2008
1954 – 1979

N.B.
Nixtiequ niġdbu l-attenzjoni li fil-Ħarġa ta' qabel, f'din il-paġna bi zvista deher ritratt bi żball.
Niskużaw ruħna ma s-sur Joe Stellini ex. Ps 870 u mal-familja tiegħu ta' l'inkonvenjent u nawgurawlu għomor twil.




# Aħseb fuq is-Saħħa
# Aħseb BUPA
# Aħseb GlobalCapital

Bħala l-kumpanija ewlenija fid-dinja fil-qasam tal-kura tas-saħħa, BUPA toffri prodotti mfassla għall-ħtiġijiet lokali, esklussivament mingħand GlobalCapital Health Insurance Agency Ltd. BUPA Malta huma esperti fl-assigurazzjoni medika privata u għandhom skop wieħed - li jagħtuk serħan il-moħħ. Mal-BUPA tista' tibda tħossok aktar protett għall-futur. U tista' tibda tħossok aħjar, mil-lum.

**Ċempel BUPA Malta fuq 21 342 342**

feel better BUPA Malta

GlobalCapital
Together through life

HPA 080807-2

GlobalCapital Health Insurance Agency Ltd hija awtorizzata bħala aġent ta' l-assigurazzjoni u hija regolata mill-Awtorità għas-Servizzi Finanzjarji ta' Malta. Jekk tixtieq aktar tagħrif, inħeġġukom tistaqsuna. Indirizz reġistrat: 120, Ix-Xatt, Gżira GŻR1027.




SUITABLE FOR MEN AND WOMEN OF ALL AGES.




Now, thanks to new Scholl Cracked Heel Repair Cream, you can get rid of dry, cracked heels in a week. This unique cream has been specially formulated, and is clinically proven, to effectively repair the skin on your heels. You'll see and feel results in just 7 days. Try a week's intensive care with new Scholl Cracked Heel Repair Cream.

Scholl
World's No.1 Footcare Specialist

AVAILABLE FROM ALL PHARMACIES AND THE SCHOLL FOOTHEALTH CENTRES